

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.9.2008
KUMM(2008) 553 finali

2008/0180 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEC(2008) 2424}

{SEC(2008) 2425}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-bażi u l-għanijiet tal-proposta

Ir-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 93/119/KE¹ dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil qatt ma ġew emendati avolja l-kuntest inbidel.

Ġew introdotti teknoloġiji ġodda li lil xi standards ma ħallewhomx validi għal-lum. Fl-2004 u fl-2006 żewġ opinjonijiet xjentifiċi mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel issuġġerew li d-Direttiva għandha tiġi riveduta. Fl-istess ħin, fl-2005, l-Organizzazzjoni Dinija għas-Saħħa tal-Annimali adottat żewġ linjigwida dwar il-benesseri tal-annimali waqt it-tbiċċir u l-qatla li wasslu għal konklużjonijiet simili.

It-tħassib dwar il-benesseri tal-annimali kiber fis-soċjetà tagħna. L-ambjent legali għall-biċċeriji nbidel bl-adozzjoni ta' serje ta' atti leġislattivi tal-UE dwar is-sigurtà fl-ikel b'enfasi fuq ir-responsabbiltajiet tal-operaturi tan-negozju. Il-qtil fi kwantitajiet kbar waqt l-epidemiji tal-annimali qajjem mistoqsijiet dwar il-metodi użati sabiex jitwettaq dan. Fl-2006, il-Kummissjoni adottat l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali, li introduċa kunċetti ġodda bħall-indikaturi għall-benesseri u ċentri ta' referenza dwar il-benesseri tal-annimali.

Ġew identifikati problemi speċifiċi fil-leġislazzjoni tal-UE bħan-nuqqas ta' metodoloġija armonizzata għal metodi ġodda ta' sturdament, in-nuqqas ta' responsabbiltajiet ċari għall-operaturi, in-nuqqas ta' biżżejjed kompetenza tal-persunal jew in-nuqqas ta' kundizzjonijiet suffiċjenti għall-benesseri tal-annimali waqt il-qatla sabiex jiġi kkontrollat il-mard.

Fid-dawl ta' dan, il-proposta tipprovdi valur miżjud sostanzjali meta mqabbel mal-istatus quo.

B'mod partikolari, bil-bidla tal-istrument ġuridiku minn direttiva għal regolament, il-proposta tipprovdi għal applikazzjoni uniformi u simultanja, billi jiġi evitat il-piż u l-inugwaljanza ġejjin minn traspożizzjonijiet nazzjonali. Il-forma ta' regolament hija adattata wkoll għal implimentazzjoni iktar mgħaġġla tal-bidliet ġejjin minn progress tekniku u viżibbli. Hija tipprovdi wkoll għal sett wieħed ta' regoli u b'hekk dawn ikunu iktar viżibbli u faċli biex jiġu applikati kemm għall-operaturi kif ukoll għall-imsieħba kummerċjali.

Il-proposta tipprovdi wkoll aktar flessibilità għall-operaturi permezz tal-adozzjoni tal-linjigwida dwar dettalji tekniċi. Fl-istess waqt, teħtieġ li l-operaturi jieħdu ħsieb huma stess tal-benesseri tal-annimali (kontrolli tagħhom infushom fuq il-proċedura tal-istordament, proċeduri operattivi standard), u għalhekk tikkontribwixxi għal infurzar aħjar tal-benesseri tal-annimali waqt it-tbiċċir.

¹ ĠU L 340, 31.12.1993, p. 21.

Din il-proposta timmira wkoll għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi tat-tagħlim ibbażati fuq xjenza soda (ċertifikat ta' kompetenza, ċentru ta' referenza), biex jinftehem aħjar il-benesseri tal-annimali u jiġi integrat aħjar fil-ħidmiet ta' kuljum ta' dawk li jieħdu ħsieb l-annimali, il-biċċiera u l-ispetturi uffiċjali.

L-għanijiet ewlenin tal-proposta huma mmirati lejn:

- (1) It-titjib tal-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew tal-qatla.
- (2) It-thegħġig tal-innovazzjoni fir-rigward tal-metodi tal-isturdament u tal-qtil.
- (3) L-għoti ta' kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi konċernati kollha fis-suq intern.

Barra minn hekk, din il-proposta għandha l-għan li tilħaq l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

- (1) Tiżviluppa approċċ metodoloġiku komuni sabiex thegħġeg metodi ġodda ta' sturdament.
- (2) Tassigura integrazzjoni aħjar tat-tħassib dwar il-benesseri tal-annimali fil-proċess ta' produzzjoni permezz tar-rekwiżit ta' Proċeduri Operattivi Standard u l-ħatra ta' Uffiċjali għall-Benesseri tal-Annimali fil-biċċeriji.
- (3) Ittejjeb l-istandards li jirregolaw il-bini u t-tagħmir tal-biċċeriji.
- (4) Iżżid il-livell ta' kompetenza tal-operaturi u tal-uffiċjali konċernati.
- (5) Ittejjeb il-protezzjoni tal-annimali waqt l-operazzjonijiet ta' qtil ta' kwantitajiet kbar ta' annimali.

II-kuntest ġenerali

Din il-proposta sejra tissostitwixxi d-Direttiva 93/119/KE dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil, li tkopri l-qtil tal-annimali tat-trobbija.

Kull sena kważi 360 miljun ħanżir, nagħġa, mogħża u baqra kif ukoll aktar minn erba' biljun tajra jinqatlu fil-biċċeriji tal-UE. Minbarra dan, l-industrija tal-fer Ewropea toqtol 25 miljun annimal, waqt li l-imfaqas joqtol 330 miljun fellus li jkollu jum biss. Il-kontroll tal-mard li jittieħed jista' jirrikjedi wkoll il-qtil ta' miljuni ta' annimali.

Is-sitwazzjoni attwali mhijiex sodisfaċenti fir-rigward tal-għanijiet segwiti. Il-livell ta' protezzjoni tal-annimali mhuwiex infurzat b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha, u dan, xi drabi, jwassal għal riżultati tabilħaqq mhux sodisfaċenti. Id-diskrepanzi fir-rekwiżiti fl-Istati Membri għall-biċċeriji u l-fabbrikanti tat-tagħmir għall-isturdament ma jassigurawx livell ugwali għalihom, avolja jikkompetu f'suq globali. Din is-sitwazzjoni lanqas ma thegħġeg l-innovazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Id-Direttiva 93/119/KE sejra tiġi revokata iżda l-ambitu tal-proposta mhuwiex sejjer jinbidel.

Il-konsistenza ma' linji politiċi u għanijiet oħrajn tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U L-ISTIMA TAL-IMPATT

Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali ta' dawk li wiegħbu

Fl-2006 il-Kummissjoni ordnat studju estern dwar il-prattiki tal-isturdament fil-biċċeriji u l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom. Waqt l-istudju, ġew ikkonsultati l-partijiet interessati ewlenin bħall-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-laħam, l-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet għall-benesseri tal-annimali.

Il-Kummissjoni kellha wkoll kuntatti diretti mal-partijiet interessati u mal-esperti xjentifiċi, tekniċi u legali dwar l-aspetti differenti tal-proposta. Il-konsultazzjonijiet bdew f'Lulju 2006. L-inizjattiva ġiet reklamata permezz ta' preżentazzjonijiet fil-forums tal-industrija u fil-kumitati jew gruppi ta' konsultazzjoni relevanti tal-Kummissjoni waqt il-perjodu 2006–2007.

Inħolqu webpages speċifiċi u dawn ġew aġġornati b'mod regolari sabiex il-pubbliku jinżamm infurmat dwar l-inizjattiva. Minn Diċembru 2007 sa Frar 2008 infetħet *mailbox* u l-partijiet interessati ġew mistiedna jipprovdu l-opinjoni tagħhom. Din l-inizjattiva ġiet ippreżentata lill-Istati Membri permezz ta' grupp ta' ħidma f'Jannar 2008.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati

Il-partijiet interessati u l-Istati Membri qablu fuq il-prinċipju li l-operaturi għandhom isiru aktar responsabbli għall-benesseri tal-annimali. Il-partijiet interessati laqgħu l-proposta ta' Regolament minflok Direttiva, waqt li l-Istati Membri ma qablux bejniethom.

Kien hemm appoġġ kbir għall-introduzzjoni tar-rekwiżiti li jirregolaw il-Proċeduri Operattivi Standard (*Standard Operating Procedures - SOPs*), u l-idea ta' Uffiċjal għall-Benesseri tal-Annimali (*Animal Welfare Officer-AWO*) intlaqgħet tajjeb ukoll. Iżda l-organizzazzjonijiet għall-benesseri tal-annimali u xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jinżammu r-rekwiżiti preskrittivi. Parteċipanti oħra esprimew tħassib fuq ir-rekwiżiti dwar l-SOPs u dwar Uffiċjal għall-Benesseri tal-Annimali għal xi biċċeriji żgħar.

Fid-dawl tal-konsultazzjonijiet u tal-istudji li twettqu, il-Kummissjoni kkonkludiet li waqt li ħafna biċċeriji fuq skala kbira fl-UE diġà jimpjegaw persuna inkarigata mill-kontroll tal-laħam (li jista' jgħaqqad ir-rwoli tal-SOPs sorveljanti u tal-AWO bi ffit spejjeż żejda), illum dan mhuwiex il-każ għal biċċeriji żgħar. B'konsegwenza ta' dan, ġiet prevista deroga mir-rekwiżit tal-AWO għall-biċċeriji żgħar ħafna, minħabba n-

nuqqas ta' proporzjonalità tal-miżura meta mqabbla mal-għadd żgħir ta' annimali mbiċċra, biex jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Il-partijiet kollha kkonsultati aċċettaw li l-metodi tal-isturdament għandhom ikunu definiti aħjar.

Huma qablu wkoll fuq il-ħtieġa ta' politika ta' għarfien aħjar minħabba li kemm l-ispetturi uffiċjali kif ukoll l-operaturi xi drabi ma kellhomx assistenza teknika. Huma kollha appoġġjaw l-idea ta' ċertifikat ta' kompetenza. Il-prinċipju ta' ċentru nazzjonali ta' referenza rċieva rispons aktar imħallat. L-Istati Membri kienu mħassba dwar it-twaqqif ta' struttura amministrattiva ġdida u l-implikazzjonijiet possibbli għall-baġit.

Il-preparazzjoni u rapportaġġ aħjar dwar il-benesseri tal-annimali fil-każ tal-qtil għal raġunijiet ta' kontroll tal-mard irċieva rispons pożittiv mill-Istati Membri. Xi Stati Membri jippreferu li jaderixxu b'mod strett mal-linjigwida internazzjonali waqt li oħajn jitkellmu favur ċertu ammont ta' flessibilità.

Il-kummenti msemmija hawn fuq ġew ikkunsidrati kif ġej:

- (a) It-tħassib dwar in-nuqqas ta' rekwiżiti preskrittivi ġie indirizzat permezz tal-ħtieġa li jkun hemm ċentru nazzjonali ta' referenza. Barra minn hekk, il-proposta fiha l-obbligu għall-fabbrikanti tat-tagħmir għall-isturdament li jipprovdu gwida għall-użu tat-tagħmir tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw kodiċi ta' prattika tajba.
- (b) It-tħassib dwar l-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni tal-istandards il-ġodda li jirregolaw l-infrastrutturi tal-biċċeriji ġew indirizzati permezz tat-twaqqif ta' perjodu transitorju għal dan ir-rekwiżit.
- (c) It-tħassib dwar l-ispejjeż amministrattivi relatati mat-twaqqif ta' ċentri nazzjonali ta' referenza ġew indirizzati billi ġew emendati r-rekwiżiti permezz ta' struttura aktar flessibbli.
- (d) Bi tweġiba għat-tħassib dwar il-piż amministrattiv relatat mal-AWO, il-proposta tipprevedi l-possibilità ta' deroga għal biċċeriji żgħar.
- (e) Bi tweġiba għat-tħassib dwar in-nuqqas ta' flessibilità f' sitwazzjoni ta' kontroll tal-mard, il-proposta tipprovdi għal deroga meta l-qtil jinvolvi riskji serji għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-Internet mill-20.12.2007 sal-20.02.2008. Il-Kummissjoni rċeviet 10 tweġibiet. Ir-riżultati huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/welfare/slaughter/slaughter_stakeholders_en.htm.

Il-ġabra u l-użu tal-kompetenza

L-oqsma xjentifiċi/ta' kompetenza konċernati

Il-benesseri tal-annimali, is-sigurtà fl-ikel, is-saħħa tal-annimali.

Metodoloġija użata

Ġew ikkonsultati numru ta' referenzi, b'mod partikolari l-opinjoni tal-Awtorit  Ewropea għas-Sigurt  fl-Ikel mill-2004 sal-2006, il-linjigwida internazzjonali (linjigwida tal-OIE dwar it-tbi  ir u l-qtil), il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fi ħdan il-Komunit  u barra minnha (l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, Franza u New Zealand, e  .). Ġew ikkunsidrati r-rapporti rilevanti kollha tal-Uffi  ju tal-Ikel u Veterinarju kif ukoll l-istudju estern imwettaq għall-iskop tal-Istima tal-Impatt.

Ġew ikkonsultati bosta esperti (xjenzjati, konsulenti jew esperti governattivi) kif ukoll partijiet interessati: bi  eriji (laħam aħmar u tjur), l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, veterinarji, gruppi reliġjużi, organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-annimali, fabbrikanti tat-tagħmir għall-isturdament.

Organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Anglia-Autoflow — fabbrikant tat-tagħmir

Animals' Angels — organizzazzjoni għall-benesseri tal-annimali

AVEC — l-industrija tal-laħam tat-tjur

AEH — L-Asso jazzjoni tal-Imfaqas Ewropej

Butina — fabbrikant tat-tagħmir

CIWF — organizzazzjoni għall-benesseri tal-annimali

COPA-COGECA — bdiewa

EUROGROUP FOR ANIMALS — organizzazzjoni għall-benesseri tal-annimali

EPEXA — Asso jazzjoni tal-Esportaturi tal-Bajd tat-Tfaqqis, Flieles ta' Jum u tat-Tiġieġ li għandhom inqas minn sena

Asso jazzjoni Ewropea għat-Trobbija tal-Animal għall-Fer

Federazzjoni tal-Veterinarji tal-Ewropa

Asso jazzjoni Finlandiża għat-Trobbija tal-Animal għall-Fer

AFSSA — Aġenzija Franċiża għas-Sigurt  fl-Ikel

FNICGV — l-industrija tal-laħam aħmar

Asso jazzjoni għat-Tbi  ir b'mod Uman — organizzazzjoni għall-benesseri tal-annimali

IBC — Konfederazzjoni Internazzjonali tal-Bi  iera

OABA — organizzazzjoni għall-benesseri tal-annimali

PVE (Prodotti għall-Animali Haġġin, Laħam u Bajd) — industrija tal-laħam

Stork Food Systems — fabbrikant tat-tagħmir

UECBV — industrija tal-laħam aħmar

Sommarju tal-parir irċevut u użat

L-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli ma ssemmietx. Fl-opinjoni tagħhom tal-2004, ix-xjenzjati tal-EFSA ressqu aktar minn għoxrin rakkomandazzjoni teknika. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin tal-EFSA ġew integrati fil-proposta:

- taħriġ xieraq għall-operaturi li jistordu l-annimali;
- tagħmir b'kurrent kostanti għall-isturdament tal-annimali;
- sistema ta' reġistrazzjoni għall-parametri tal-elettriku;
- sistema ta' reġistrazzjoni għall-parametri tal-gass;
- il-limitazzjoni ta' 'captive bolt' mhux penetranti għall-ħrief żgħar;
- ħafna titjib tekniku fil-linja għat-trażżin tat-tjur;
- il-qtuġh taż-żewġ arterji karotidi għall-iżvinar;
- it-talba għall-qtil bil-gass għat-tjur (sturdament irriversibbli).

Xi rakkomandazzjonijiet ma ġewx inklużi fil-proposta minħabba li l-istima tal-impatt uriet li bħalissa dawn ma kinux ekonomikament vijabbli fl-UE. Dan kien partikolarment il-każ għar-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- it-tneħħija f'fażijiet tal-użu tad-dijossidu tal-karbonju għall-ħnieżer u għat-tjur;
- it-tneħħija f'fażijiet tal-użu tal-isturdament fil-banjijiet tal-ilma għat-tjur.

Rakkomandazzjonijiet oħra mhumiex fil-proposta minħabba li jirreferu għall-parametri li għandhom ikunu parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet dwar il-ħut imkabbar fil-farms ma ġewx inklużi fil-proposta minħabba li kien hemm il-ħtieġa għal opinjoni xjentifika oħra u minħabba evalwazzjoni ekonomika f'dan il-qasam.

Mezzi użati sabiex il-konsulenza tal-esperti ssir disponibbli għall-pubbliku

L-opinjoni tal-EFSA u l-linjigwida tal-OIE huma disponibbli pubblikament fuq l-Internet:

http://www.efsa.europa.eu/EFSA/efsa_locale-1178620753812_home.htm

http://www.oie.int/eng/normes/mcode/en_titre_3.7.htm.

Stima tal-impatt

L-għażliet ewlenin maħsubin tal-politika kienu jvarjaw mill-istatus quo, id-deregolazzjoni, l-emendi tekniċi għad-Direttiva jew ir-riorganizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

L-ispejjeż tat-tbiċċir jikkostitwixxu porzjon limitat tal-ispejjeż totali tal-attivitajiet tal-biċċeriji (20%) iżda jistgħu jaffettwaw il-kompetittività tagħhom. Il-biċċeriji huma soġġetti għal spezzjoni uffiċjali permanenti minħabba l-leġiżlazzjoni għas-sigurtà fl-ikel. Il-proposta ma tintroduċix rekwiżiti addizzjonali għall-ispezzjonijiet uffiċjali. Il-benesseri tal-annimali għandu impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ikel u s-sigurtà operattiva. Jirrappreżenta wkoll valuri pożittivi tas-suq. Ma għie identifikat l-ebda impatt ambjentali sinifikanti.

Mill-paragunar tal-għażliet ewlenin tal-politika jidher li r-riorganizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni hija l-aktar għażla vantaġġuża.

B'mod aktar speċifiku, l-istima tal-impatt tinvestiga l-aspetti li ġejjin tar-riorganizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni:

Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' metodi ġodda ta' sturdament, sistema ċentralizzata tkun alternattiva valida, waqt li sistema parzjalment diċentralizzata jkollha xi benefiċċji speċjalment f'termini ta' flessibilità u spejjeż.

Integrazzjoni aħjar għall-benesseri tal-annimali fil-proċess tal-produzzjoni twassal għal eżiti pożittivi għall-benesseri tal-annimali, għas-sigurtà operattiva u għall-kwalità tal-laħam. Dan jista' jsir permezz ta' Proċeduri Operattivi Standard (*Standard Operating Procedures - SOPs*) u/jew il-ħatra ta' Uffiċjal għall-Benesseri tal-Annimali. L-ispejjeż ekonomiċi huma limitati għaż-żewġ għażliet, u l-biċċeriji li diġà implimentaw dawn il-miżuri japprezzaw il-benefiċċji ekonomiċi.

L-istima tal-impatt tindika wkoll li hemm il-ħtieġa li l-istandards tal-infrastrutturi tal-biċċeriji jiġu aġġornati. Dan se jjer iwassal għal benefiċċji soċjali u jistgħu jitnaqqsu l-ispejjeż ta' investment jekk jiġi kkunsidrat perjodu transitorju raġjonevoli.

Kompetenza aħjar tal-persunal li joqtol l-annimali, kif ukoll l-istabbiliment ta' struttura nazzjonali speċifika għall-ġhoti ta' għajjnuna teknika dwar il-benesseri tal-annimali għall-uffiċjali jidher li huma żewġ approċċi kumplementari. Il-politika tal-għarfien hija effiċjenti ħafna f'termini tal-benesseri tal-annimali, il-flessibilità għall-industrija u hija soċjalment pożittiva għall-persunal.

Fl-aħħarnett, fuq il-kwistjoni tal-qtil ta' kwantità kbira ta' annimali jidher ukoll li huwa aktar probabbli li għażla flessibbli twassal għal aktar riżultati milli approċċ regolatorju tradizzjonali.

L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta sejra żżid ir-responsabbiltà tal-operaturi dwar il-benesseri tal-annimali. Dan huwa konformi mal-“pakkett tal-iġjene”, ġabra ta' leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà fl-ikel adottata fl-2004 li tobbliga lill-operaturi sabiex jintegraw is-sigurtà fl-ikel fl-operazzjonijiet tagħhom u sabiex juru li huma qegħdin jimplementaw proċeduri għal dan il-għan. Dan l-approċċ huwa konsistenti wkoll mal-Pjan ta' Azzjoni tal-

Komunità dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-annimali li introduċa l-kunċett tal-indikaturi għall-benesseri tal-annimali mkejla fuq l-annimali.

Il-proposta sejra tobbliga lill-persunal li jimmaniġġja u/jew ibiċċer l-annimali li jkollu ċertifikat ta' kompetenza. Dan ir-rekwiżit sejjer japplika għall-biċċeriji u għall-qtil fil-kuntest tat-trobbija għall-fer.

Il-proposta sejra teħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi ċentru nazzjonali ta' referenza li jipprovdi assistenza teknika għall-uffiċjali dwar il-benesseri tal-annimali waqt il-qtil. L-ċentru sejjer jipprovdi valutazzjoni xjentifika għal metodi/tagħmir ġdid għall-isturdament u biċċeriji mibnijin ġodda, u sejjer jakkredita korpi li jagħtu ċertifikati ta' kompetenza relatati mal-benesseri tal-annimali.

Il-proposta sejra tipprovdi definizzjonijiet preċiżi għall-metodi ta' sturdament. Sejra tistabbilixxi wkoll sistema komuni għall-awtorizzazzjoni ta' metodi ġodda għall-isturdament.

Il-proposta sejra tassigura li l-benesseri tal-annimali tiġi kkunsidrata fl-istadji kollha tal-proċess tal-qtil minħabba l-kontroll tal-mard. Dan sejjer jimplika preparazzjoni aħjar iżda wkoll superviżjoni speċifika għall-benesseri tal-annimali u rapportaġġ lill-pubbliku.

F'konformità mar-regolament tal-igiene, il-proposta tippermetti t-tbiċċir għall-konsum privat, (eż fl-irziezet u fil-btieħi) provdut illi r-rekwiżiti ġenerali ta' dan ir-regolament jiġu ssodisfati, partikolarment l-isturdament ta' qabel.

Bażi legali

L-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea.

Il-prinċipju ta' sussidjarità

Il-prinċipju ta' sussidjarità japplika diment li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba r-raġuni li ġejja.

Il-laħam, il-fer u prodotti oħra relatati mal-qtil tal-annimali mrobbija fl-irziezet jiġu nnegozjati fuq livell internazzjonali. It-tagħmir għall-isturdament u għat-trażżin jiġi wkoll ikkumerċjalizzat lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Id-diskrepanzi fl-istandards għall-ħarsien li jirregolaw il-qtil tal-annimali bejn l-Istati Membri jaffettwaw il-kompetittività tal-biċċeriji, tal-bdiewa, tal-imfaqas u tal-fabbrikanti tat-tagħmir għall-isturdament.

L-azzjoni tal-Komunità sejra tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġuni li ġejja.

Il-prodotti miksubin minn dawk l-attivitajiet jiġu nnegozjati liberament fl-UE. Għalhekk, huwa probabbli li l-azzjoni tal-UE jkollha effett iktar koerenti u tilħaq aħjar l-għanijiet proposti.

Huwa diffiċli li wieħed isib l-indikaturi li jkunu jirriflettu s-sitwazzjoni fil-każ tal-għanijiet tal-proposta b'mod mhux ambigwu. Il-livell tal-użu ta' xi metodi rriversibbli ta' sturdmanet jidhru li jirriflettu ċertu livell ta' titjib fil-benesseri tal-annimali, għat-tjur jew għall-ħnieżer. Iżda, l-użu ta' metodi ta' sturdament huwa influwenzat ukoll minn fatturi ekonomiċi.

L-ambitu tal-proposta huwa limitat għall-qtil tal-annimali li jikbru fl-irziezet. Dawk l-attivitajiet huma l-aktar armonizzati permezz ta' leġislazzjonijiet oħra tal-Komunità.

Il-qtil tal-annimali akkompanjaturi, jew li jsir bħala parti minn attivitajiet ta' kaċċa jew ta' sport, mhuwiex parti mill-proposta u jibqa' taħt il-kompetenza nazzjonali.

Il-proposta tippermetti wkoll li l-miżuri nazzjonali jirriflettu d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-Annimali li jirreferu għall-ħtieġa li d-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mar-riti reliġjużi, tradizzjonijiet kulturali u l-wirt reġjonali jiġu rispettati.

Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarità.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja (li ġejjin).

Ir-Regolament joffri l-vantaġġi li ġejjin:

- jipprovdi applikazzjoni uniformi u simultanja fl-Istati Membri kollha u jevita l-piż, kemm għall-Istati Membri, kif ukoll għall-Kummissjoni tat-traspożizzjoni;
- l-aġġornament ta' Regolament jista' jiġi implimentat b'mod aktar rapidu; dan huwa milqugħ f'dan il-qasam li huwa soġġett għall-progress tekniku u xjentifiku.
- jipprovdi set wieħed ta' regoli u b'hekk dawn isiru iktar viżibbli u iktar faċli għall-operaturi u l-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-UE biex japplikawhom.

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji għall-Komunità. L-istima tal-impatt indikat li l-implikazzjonijiet finanzjarji se jn jaffettwaw l-aktar lill-operaturi li implimentaw b'mod dgħajjef ir-regoli attwali tal-UE. Minbarra dan, ġew stabbiliti perjodi transitorji għal miżuri relatati mal-infrastrutturi tal-biċċeriji kif ukoll għat-teħid f'kkunsiderazzjoni tal-impjegati li diġà jaħdmu fil-biċċeriji. Hija kkunsidrata wkoll deroga għal biċċeriji zġhar fir-rigward tar-rekwiżit għall-Uffiċjal għall-Benesseri tal-Annimali.

L-istudju ekonomiku indika wkoll li fost l-operturi tal-biċċeriji li implimentaw il-miżuri msemmija fil-proposta, il-maġġoranza tagħhom iqisu li l-ispejjeż huma relattivament aċċettabbli u li b'mod ġenerali, il-bidliet huma ta' benefiċċju għall-attività ekonomika tagħhom.

L-għażla tal-istrumenti

L-istrumenti proposti: Regolament.

Metodi oħra ma jkunux adegwati għar-raġuni(jiet) li ġejja(li ġejjin).

L-istrumenti mhux vinkolattivi ġew rifjutati b'mod unanimu mill-partijiet ikkonsultati kollha bħala mezz uniku sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Il-qatla tal-annimali hija attività fejn il-partijiet kollha li għandhom interess jikkunsidraw li għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet minimi ugwali għall-operaturi kollha u li għandha tiġi kkontrollata mill-gvernijiet.

Il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE hija Direttiva u din ma għabtx livell ta' armonizzazzjoni suffiċjenti.

IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Simulazzjoni, fażi pilota, perjodu transitorju

Kien hemm jew sejjer ikun hemm perjodu transitorju għall-proposta.

Simplifikazzjoni

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-proposta li tirrevoka d-Direttiva attwali sejra tagħmel it-traspożizzjonijiet nazzjonali antikwati. Barra minn hekk, integrazzjoni aħjar fil-leġiżlazzjoni tas-sigurtà fl-ikel tiffaċilita l-implimentazzjoni.

Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta sejra twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jittratta kwistjoni taż-ŻEE u għandu għalhekk jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara l-konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁵,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KE tat-22 ta' Diċembru 1993 dwar il-protezzjoni ta' annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew qtil⁶ tistabbilixxi regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-tbiċċir jew il-qtil fil-Komunità. Dik id-Direttiva ma ġietx emendata b'mod sostanzjali mill-adozzjoni tagħha.
- (2) Il-qtil tal-annimali jista' jnaqqas l-uġiġħ, id-dwejjaq, il-biża' u forom oħra ta' tbatija għall-annimali anki fl-aħjar kundizzjonijiet tekniċi disponibbli. Ċerti operazzjonijiet marbuta mal-qtil jistgħu jikkawżaw id-dwejjaq u kwalunkwe teknika ta' stordament tippreżenta ċerti żvantaġġi. L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jevitaw l-uġiġħ u jnaqqsu d-dwejjaq u t-tbatija tal-annimali waqt il-proċess tat-tbiċċir u tal-qtil, filwaqt li jitqiesu l-aħjar Prattiki fis-settur u l-metodi permessi skont dan ir-Regolament. Meta l-operaturi jiksru wieħed mir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew jużaw il-prattiki li ma jirriflettux l-aħjar żviluppi fis-settur u b'hekk iwasslu għall-uġiġħ, id-dwejjaq u t-tbatija minħabba n-negliġenza jew inkella intenzjonalment, l-uġiġħ, id-dwejjaq jew it-tbatija għandhom jitqiesu li jistgħu jiġu evitati.

² ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. xx.

³ ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. xx.

⁴ ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. xx.

⁵ ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. xx.

⁶ ĠU L 340, 31.12.1993, p. 21. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1/2005 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

- (3) Il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew tal-qtil, ilha koperta mil-leġislazzjoni tal-Komunità sa mill-1974 u ġiet rinforzata sostanzjalment bid-Direttiva 93/119/KE. Iżda ġew osservati diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u ġew indikati tħassib kif ukoll differenzi maġġuri fir-rigward tal-benesseri li jistgħu jaffettwaw il-kompetittività bejn l-operaturi.
- (4) Il-benesseri tal-annimali huwa valur Komunitarju li huwa stabbilit fil-Protokoll dwar il-Protezzjoni u l-Benesseri tal-annimali anness mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea⁷. Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-tbiċċir jew il-qtil hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumatur lejn il-prodotti agrikoli. Minbarra dan, it-titjib tal-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jikkontribwixxi għal laħam ta' kwalità oġhla u indirettament għandu impatt pożittiv fuq is-sigurtà fuq il-post tax-xoġhol fil-biċċeriji.
- (5) Il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-annimal fil-ħin tat-tbiċċir jew tal-qtil għandha impatt fuq il-kompetizzjoni u għalhekk fuq il-ħidma tas-suq intern fil-prodotti agrikoli. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli komuni sabiex jiġi assigurat l-iżvilupp razzjonali tas-suq intern f'dawk il-prodotti.
- (6) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (European Food Safety Authority - EFSA) adottat żewġ opinjonijiet fuq l-aspetti tal-benesseri tas-sistemi ewlenin tal-isturdament u tal-qtil ta' ċerti speċi ta' annimali, b'mod partikolari l-aspetti tal-benesseri tas-sistemi ewlenin tal-isturdament u tal-qtil tal-ispeċi ta' annimali kummerċjali ewlenin⁸, fl-2004 u dwar l-aspetti tal-benesseri tas-sistemi ewlenin ta' sturdament u qtil applikati għal ċriev imkabbra għal skopijiet kummerċjali, mogħoż, fniek, nġam, papri, wizzijiet u summien⁹, fl-2006. Il-leġislazzjoni tal-Komunità f'dan il-qasam għandha tiġi aġġornata sabiex tqis dawk l-opinjonijiet xjentifiċi. Ir-rakkomandazzjonijiet sabiex l-użu tad-dijossidu tal-karbonju jitneħħa f'fażijiet għall-ħnieżer u t-tjur, kif ukoll it-tneħħija f'fażijiet tal-isturdament permezz tal-banjijiet tal-ilma għat-tjur ma kinux inklużi fil-proposta minħabba li l-istima tal-impatt uriet li bħalissa ma kinux ekonomikament vijabbli fl-UE. Minbarra dan, rakkomandazzjonijiet oħra ma għandhomx ikunu parti minn dan ir-Regolament minħabba li jirreferu għal parametri tekniċi li għandhom ikunu parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni jew tal-kodiċi ta' Prattika tajba. Ir-rakkomandazzjonijiet fuq il-ħut imkabbra fil-farms ma kinux inklużi fil-proposta minħabba li kien hemm hteġa għal opinjoni xjentifika oħra u evalwazzjoni ekonomika f'dan il-qasam.
- (7) Fl-2007, l-Organizzazzjoni Dinija għas-Saħħa tal-Annimali (World Organisation for Animal Health - OIE) adottat il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali ta' Fuq l-Art li jinkludi linjigwida għat-tbiċċir tal-annimali u għall-qtil tal-annimali għall-għanijiet tal-kontroll tal-mard. Dawk il-linjigwida internazzjonali fihom rakkomandazzjonijiet dwar l-immaniġġjar, it-trażżin, l-isturdament u l-iżvinar tal-annimali fil-biċċeriji u l-qtil tal-annimali fil-każ ta' tifqigħa ta' mard li jittieħed. Dawk l-istandards internazzjonali għandhom jiġu kkunsidrati f'dan ir-Regolament.

⁷ ĠU C 340, 10.11.1997, p. 110.

⁸ *The EFSA Journal* (2004) 45, p. 1.

⁹ *The EFSA Journal* (2006) 326, p. 1.

- (8) Mill-adozzjoni tad-Direttiva 93/119/KE, il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà fl-ikel tal-Komunità applikabbli għall-biċċeriji ġiet emendata ħafna mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti tal-ikel¹⁰ u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li ġej mill-annimali¹¹. Dawk ir-Regolamenti jenfasizzaw ir-responsabbiltà tal-operaturi tan-negozju tal-ikel sabiex jiżguraw is-sigurtà fl-ikel. Il-biċċeriji huma wkoll soġġetti għal proċedura ta' pre-approvazzjoni li permezz tagħha, il-bini, it-tqassim u t-tagħmir jiġu eżaminati mill-awtorità kompetenti sabiex din tassigura li dawn jikkonformaw mar-regoli tekniċi korrespondenti dwar is-sigurtà fl-ikel. It-tħassib dwar il-benesseri tal-annimali għandu jkun integrat aħjar fil-biċċeriji u fil-bini tagħhom u fit-tqassim u fit-tagħmir użat fihom.
- (9) Il-kontrolli uffiċjali fil-katina tal-ikel ġew ukoll organizzati mill-ġdid bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa sabiex tiġi assicurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u r-regoli dwar il-benesseri tal-annimali¹² u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jipprekrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman¹³.
- (10) Il-kundizzjonijiet li fihom jinqatlu l-annimali miżmumin għat-trobbija għandhom impatt dirett u indirett fuq is-suq tal-ikel, l-għalf jew prodotti oħra u fuq il-kompetittività tal-operaturi konċernati. Għaldaqstant, operazzjonijiet ta' qtil bħal dawn huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità. Madankollu, l-ispeċi mrobbija b'mod tradizzjonali, bħaż-żwiemel, ħmir, baqar, mogħoż, nagħaġ jew ħnieżer jistgħu jinżammu wkoll għal raġunijiet oħra, bħala , pereżempju, annimali domestiċi, annimali għall-wirjiet, għal għanijiet ta' xogħol jew għall-isport. Meta l-qtil tal-annimali ta' dawn l-ispeċi jipproduċi ikel jew prodotti oħrajn, dawk l-operazzjonijiet għandhom jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta' dan ir-Regolament. Konsewwentement, il-qtil ta' annimali selvaġġi jew tat-triq għall-għanijiet tal-kontroll tal-popolazzjoni ma għandux jaqa' fi ħdan l-ambitu ta' dan ir-Regolament.
- (11) Il-ħut jippreżenta differenzi fiżjoloġiċi sostanzjali mill-annimali ta' fuq l-art u l-ħut imrobbi fil-farms jiġi mbiċċer u maqtul f'kuntast differenti ħafna, partikolarment fil-każ tal-proċess ta' spezzjoni. Barra minn hekk, ir-riċerka fuq l-isturdament tal-ħut hija ħafna inqas żviluppata minn dik għal speċi mrobbija oħrajn. Għandhom jiġu stabbiliti standards separati dwar il-protezzjoni tal-ħut waqt il-qtil. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-ħut għandhom bħalissa jkunu limitati għall-prinċipju ewlieni. Inizjattivi ulterjuri għandhom jikkunsidraw għażliet leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi u jistgħu jittieħdu mill-Komunità abbażi ta' stima tar-riskju

¹⁰ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3).

¹¹ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1243/2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 8).

¹² ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2008 (ĠU L 56 29.2.2008, p. 4).

¹³ ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

xjentifiku għat-tbiċċir u l-qtil ta' ħut imwettqa mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-ikel filwaqt li jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u amministrattivi.

- (12) Huwa dmir etiku li annimali produttivi li huma f'uġiġħ kbir jinqatlu meta ma jkunx hemm mod ekonomikament vijabbli sabiex dan l-uġiġħ jittaffa. F'ħafna każijiet, l-annimali jistgħu jinqatlu waqt li jiġu rispettati kundizzjonijiet xierqa ta' benesseri. Iżda taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal aċċidenti f'postijiet remoti, fejn ma jkunx hemm persunal kompetenti u tagħmir għall-annimali, il-konformità mal-aqwa regoli tal-benesseri tista' ttawwal is-sofferenza tagħhom. Fl-interess tal-annimali, huwa għalhekk xieraq li l-qtil fil-każ tal-emerġenza jiġi eskluż minn ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (13) Okkażjonalment, l-annimali jistgħu jkunu perikolużi għall-bniedem, u possibbilment jistgħu jpoġġu l-ħajja tal-bniedem f'riskju, jikkawżaw feriti serji jew jittrasmettu mard li jista' jikkaġuna l-mewt. Il-prevenzjoni ta' dawk ir-riskji normalment isseħħ permezz tat-trażżin xieraq tal-annimali iżda jista' jkun hemm bżonn ukoll li l-annimali perikolużi jinqatlu, sabiex f'ċerti ċirkostanzi dan ir-riskju jispiċċa. Taħt dawk iċ-ċirkostanzi, il-qtil mhux dejjem iseħħ taħt l-aħjar kundizzjonijiet ta' benesseri minħabba l-emerġenza. Għaldaqstant huwa neċessarju li jkun hemm deroga mill-obbligu li f'każijiet bħal dawn, l-annimali jiġu sturduti jew maqtula minnufih.
- (14) L-attivitajiet tal-kaċċa iseħħu f'kuntest fejn il-kundizzjonijiet tal-qtil huma differenti ħafna minn dawk użati għal annimali mrobbija u l-kaċċa hija soġġetta għal leġislazzjonijiet speċifiċi. Huwa għalhekk xieraq li l-qtil li jseħħ waqt il-kaċċa jiġi eskluż mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.
- (15) Il-Protokoll dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet leġislattivi jew amministrattivi u d-drawwiet tal-Istati Membri dwar, b'mod partikolari, ir-riti reliġjużi, it-tradizzjonijiet kulturali u l-wirt reġjonali meta jiġu fformulati u implimentati l-linji politiċi tal-Komunità dwar l-agrikultura u s-suq intern, *inter alia*. Huwa għalhekk xieraq li l-avvenimenti kulturali jiġu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament, fejn il-konformità mar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali jaffettwaw ħażin in-natura proprja tal-avveniment konċernat.
- (16) Barra minn hekk, it-tradizzjonijiet kulturali jirreferu għal mod ta' ħsieb, azzjoni jew imġiba abitwali, stabbilita u li tintiret, li tinkludi l-kunċett ta' xi ħaġa trasmessa minn, jew akkwistata minn, predeċessur. Huma jikkontribwixxu għat-tkabbir ta' konnessjonijiet soċjali li ilhom stabbiliti bejn il-ġenerazzjonijiet. Sakemm dawk l-attivitajiet ma jaffettwawx is-suq tal-prodotti tal-annimali u mhumiex motivati mill-għanijiet ta' produzzjoni, huwa xieraq li l-qtil tal-annimali li jseħħ waqt dawk l-avvenimenti jiġi eskluż mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.
- (17) It-tbiċċir tat-tjur u tal-lagomorfi għall-konsum privat mhuwiex imwettaq fuq skala li probabbli taffettwa l-kompetittività tal-biċċeriji kummerċjali. Bl-istess mod, l-isforzi neċessarji meħtieġa mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jikxfu u jikkontrollaw dawn l-operazzjonijiet ma jkunux proporzjonali għall-problemi potenzjali li għandhom jiġu solvuti. Huwa għalhekk xieraq li dawk l-operazzjonijiet jiġu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.
- (18) Ingħatat deroga mill-isturdament fil-każ tat-tbiċċir għal raġunijiet reliġjużi li jsir fil-biċċeriji permezz tad-Direttiva 93/119/KE. Minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-

Komunità applikabbli għat-tbiċċir għal raġunijiet reliġjużi ġew implimentati b' mod differenti skont il-kuntesti nazzjonali, u meta wieħed jikkunsidra li r-regoli nazzjonali jikkunsidraw dimensjonijiet li jmorru lil hinn mill-għan ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li tinżamm id-deroga mill-isturdament tal-annimali qabel il-qatla, waqt li madankollu jibqa' ċertu livell ta' sussidjarjetà għal kull Stat Membru. Bħala konsegwenza, ir-Regolament attwali jirrispetta l-libertà tar-reliġjon u d-dritt li r-reliġjon jew twemmin jiġi manifestat fil-qima, taġġim, prattika u osservanza, kif stabbilit fl-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

- (19) Hemm biżżejjed provi xjentifiċi sabiex jintwera li l-annimali vertebrati huma annimali li jħossu li għaldaqstant għandhom jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta' dan ir-Regolament. Madankollu, ir-rettili u l-amfibji mhumiex annimali li jitrabbew b' mod komuni fil-Komunità u għalhekk ma jkunx xieraq jew proporzjonali li dawn jiġu inklużi fi ħdan l-ambitu.
- (20) Hawnhekk ta' qtil jikkawżaw uġiġħ lill-annimali. L-isturdament huwa għalhekk neċessarju sabiex jikkawża telfien mis-sensu u tas-sensibilità qabel, jew fl-istess ħin li jinqatlu l-annimali. Il-kejl tan-nuqqas tas-sensu u tas-sensibilità tal-annimali huwa kumpless u jeħtieġ li jsir b' metodoloġija approvata xjentifikament. Madankollu, il-monitoraġġ permezz tal-indikaturi għandu jitwettaq sabiex tiġi evalwata l-effikaċja tal-proċedura taħt kundizzjonijiet prattiċi.
- (21) Il-monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament huwa bbażat l-aktar fuq l-evalwazzjoni ta' kemm l-annimal ikun f' sensu u tas-sensibilità tal-annimali. Kemm l-annimal ikun f' sensu hija essenzjalment il-kapaċità tiegħu li jħoss l-emozzjonijiet u li jikkontrolla l-mobilità volontarja tiegħu. Minkejja xi eċċezzjonijiet, bħall-immobilizzaturi bl-elettriku jew paraliżi oħra provokata, annimal jista' jkun preżunt li ntilef minn sensu meta jitlef il-pożizzjoni naturali tiegħu ta' bilwieqfa, ma jkunx imqajjem u ma jurix sinjali ta' emozzjonijiet pożittivi jew negattivi bħal biża' jew eċċitament. Is-sensibilità ta' annimal hija essenzjalment il-kapaċità tiegħu li jħoss l-uġiġħ. B' mod ġenerali, jista' jkun hemm is-suppożizzjoni li annimal mhuwiex sensitiv meta ma juri l-ebda rifless jew reazzjoni għall-istimoli bħall-ħoss, riħa, dawl jew kuntatt fiżiku.
- (22) Qegħdin jiġu żviluppati u proposti regolarment fuq is-suq metodi ġodda ta' sturdament sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ġodda għall-industrija tal-biedja u tal-laħam. Huwa għalhekk importanti li l-Komunità tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tapprova metodi ġodda ta' sturdament waqt li żżomm livell uniformi u għoli ta' protezzjoni għall-annimali.
- (23) Huma neċessarji kodiċijiet ta' prattika tajba sabiex l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti b' informazzjoni speċifika dwar il-parametri li għandhom jintużaw sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali waqt li jinżamm livell uniformi għall-operaturi. Huwa għaldaqstant neċessarju li l-Komunità tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tadotta kodiċijiet ta' prattika tajba.
- (24) Skond il-mod kif jintużaw waqt il-proċess tat-tbiċċir jew tal-qtil, xi metodi ta' sturdament jistgħu jwasslu għall-mewt waqt li jkun qed jiġi evitat l-uġiġħ jew jitnaqqas id-dwejjaq jew it-tbatija għall-annimali. Bħala konsegwenza mhuwiex neċessarju li ssir distinzjoni bejn metodi riversibbli u mhux riversibbli ta' sturdament.

- (25) Il-kundizzjonijiet li fihom l-annimali jiġu sturduti u r-riżultati ta' dan l-isturdament ivarjaw fil-prattika minħabba ħafna fatturi. Għalhekk għandha ssir stima regolari tal-eżitu tal-isturdament. Għal dan il-għan, l-operaturi għandhom jistabbilixxu kampjun rappreżentattiv għall-kontroll tal-effikaċja tal-prattiċi ta' sturdament, waqt li jiġu kkunsidrati l-omoġenità tal-grupp tal-annimali u fatturi kritiċi oħrajn, bħat-tagħmir użat u l-persunal involut.
- (26) Il-benesseri tal-annimali huwa influwenzat l-aktar mill-amministrazzjoni ta' kuljum tal-operazzjonijiet u jistgħu jinkisbu riżultati affidabbli biss jekk l-operaturi jiżviluppaw strumenti ta' monitoraġġ sabiex jevalwaw l-effetti tagħhom. Għandhom għalhekk jiġu żviluppati proċeduri operattivi standard fl-istadji kollha taċ-ċiklu ta' produzzjoni u dawn għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju. Għandhom jinkludu għanijiet ċari, persuni responsabbli, modus operandi, kriterji ta' aċċettazzjoni li jistgħu jitkejlu, kif ukoll proċeduri ta' monitoraġġ u ta' reġistrazzjoni.
- (27) Persunal imħarreġ sew u tas-sengħa itejjeb il-kundizzjonijiet li taħthom jiġu trattati l-annimali. Il-kompetenza rigward il-benesseri tal-annimali timplika għarfien tal-mudelli bażiċi ta' mgħiba u tal-ħtiġiet tal-ispeċi konċernati kif ukoll sinjali ta' jekk l-annimal huwiex f'sensih u tas-sensibilità tiegħu. Tinkludi wkoll kompetenza teknika rigward it-tagħmir ta' sturdament użat. Il-persunal li joqtol l-annimali għall-konsum mill-bniedem u l-persuni li jissorveljaw il-qtil staġjonali tal-annimali bil-fer għandhom għalhekk ikunu meħtieġa li jkollhom ċertifikat ta' kompetenza rilevanti fir-rigward tal-operazzjonijiet li jwettqu. Madankollu, il-ħtieġa ta' ċertifikat ta' kompetenza għal persunal ieħor li joqtol l-annimali tkun sproporzjonata għall-għanijiet segwiti.
- (28) Persunal b'diversi snin ta' esperjenza huwa preżunt li għandu ċertu livell ta' kompetenza. Għalhekk għandu jiġi pprovdut perjodu transitorju għar-reqwiziti ta' ċertifikat ta' kompetenza f'dan ir-Regolament fil-każ ta' dan il-persunal.
- (29) It-tagħmir ta' sturdament huwa żviluppat u ddisinjat sabiex ikun effiċjenti f'kuntest speċifiku. Il-fabbrikanti għandhom għalhekk jipprovdu struzzjonijiet dettaljati lill-utenti dwar il-kundizzjonijiet skont liema t-tagħmir għandu jintuża u jinżamm sabiex jiġi żgurat l-aqwa benessere għall-annimali.
- (30) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja, it-tagħmir għall-isturdament u għat-trażżin għandu jinżamm b'mod xieraq. L-apparat li jintuża b'mod intensiv jista' jkun jeħtieġ li ċerti partijiet jiġu sostitwiti u anke t-tagħmir użat okkażjonalment jista' jonqos fl-effikaċja minħabba l-korrużjoni jew fatturi ambjentali oħrajn. Bl-istess mod, xi apparat jista' jkun jeħtieġ li jiġi kkalibrat b'mod preċiż. L-operaturi għandhom għalhekk jimplimentaw il-proċeduri ta' manutenzjoni għal dak it-tagħmir.
- (31) L-annimali jistgħu jbatu meta l-proċeduri għall-isturdament ma jirnexxux. Dan ir-Regolament għandu jipprovdi sabiex apparat ta' sturdament sostitut xieraq ikun disponibbli biex inaqqas l-uġiġħ, id-dwejjaq jew it-tbatija għall-annimali.
- (32) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jipprovdi għal-lista ta' stabbilimenti li għalihom huma permessi l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti speċifiċi li ġejjin mill-annimali. Ir-reqwiziti ġenerali u r-reqwiziti addizzjonali applikabbli għall-biċċeriji stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati għall-għanijiet ta' dik il-lista.

- (33) Il-biċċeriji u t-tagħmir użat fihom huma mfaġġin għal kategoriji partikolari ta' annimali u ta' kapaċitajiet. Meta dawn il-kapaċitajiet jinqabżu jew meta t-tagħmir jintuża għal għanijiet li ma kienx imfassal għalihom, ikun hemm impatt negattiv fuq il-benesseri tal-annimali. Informazzjoni fuq dawn l-aspetti għandha għalhekk tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet kompetenti u għandha tkun parti mill-proċedura approvata għall-biċċeriji.
- (34) Il-biċċeriji mobbli jnaqqsu l-ħtieġa li l-annimali jinġarru għal distanzi twal u għalhekk jistgħu jikkontribwixxu sabiex jiġi mħares il-benesseri tal-annimali. Iżda, r-restrizzjonijiet tekniċi għall-biċċeriji mobbli huma differenti minn dawk tal-biċċeriji fissi u bħala konsegwenza jistgħu jiġu adottati regoli tekniċi. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għall-possibilità li jiġu stabbiliti derogi li jeżentaw biċċeriji mobbli mir-reqwiziti dwar il-bini, it-tqassim u t-tagħmir għall-biċċeriji.
- (35) Progress xjentifiku u tekniku rigward il-bini, tqassim u tagħmir tal-biċċeriji jsir b'mod regolari. Huwa għalhekk importanti li l-Komunità tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex temenda r-reqwiziti applikabbli għall-bini, tqassim u tagħmir tal-biċċeriji waqt li jinżamm livell uniformi u għoli ta' protezzjoni għall-annimali.
- (36) Huma neċessarji linjigwida sabiex jipprovdu lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni speċifika dwar il-bini, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali, waqt li jinżammu l-istess kundizzjonijiet għall-operaturi. Huwa għalhekk neċessarju li l-Komunità tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tadotta linjigwida bħal dawn.
- (37) Il-qtil mingħajr sturdament jeħtieġ qtugħ preċiż tal-gerżuma sabiex titnaqqas it-tbatija. Barra minn hekk, huwa probabbli li l-annimali li ma jkunux imrażżna mekkanikament wara l-qtugħ, titnaqqsilhom il-veloċità tal-proċess tal-iżvinar u b'hekk is-sofferenza tal-annimali titwal għalxejn. L-annimali maqtula mingħajr ma jiġu storduti għandhom għalhekk jitrażżnu individwalment.
- (38) Progress xjentifiku u tekniku rigward it-trattament u t-trażżin tal-annimali fil-biċċeriji jsir regolament. Huwa għalhekk importanti li l-Komunità tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex temenda r-reqwiziti applikabbli għall-immaniġġjar u t-trażżin tal-annimali qabel it-tbiċċir waqt li jinżamm livell uniformi u għoli ta' protezzjoni għall-annimali.
- (39) Hemm bżonn ta' linjigwida sabiex l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti jiġu pprovduti b'informazzjoni speċifika dwar l-immaniġġjar u t-trażżin tal-annimali qabel il-qatla sabiex jiġi assigurat livell għoli ta' protezzjoni għall-annimali waqt li jinżammu l-istess kundizzjonijiet għall-operaturi kollha. Huwa għalhekk neċessarju li l-Komunità tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tadotta dawn il-linjigwida.
- (40) L-esperjenza miksuba f'xi Stati Membri wriet li l-ħatra ta' persuna kwalifikata speċifikament bħala uffiċjal għall-benesseri tal-annimali sabiex tikkoordina u ssegwi l-implimentazzjoni tal-proċeduri operattivi għall-benesseri tal-annimali fil-biċċeriji pprovdiet benefiċċji pożittivi għall-benesseri. Din il-miżura għandha għalhekk tiġi applikata mal-komunità kollha. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jkollu awtorità u kompetenza teknika suffiċjenti sabiex jiprovdi gwida rilevanti lill-persunal fuq il-linja.

- (41) Il-biċċeriji żgħar involuti l-aktar fil-bejgħ dirett tal-ikel lill-konsumatur aħħari ma jeħtiġux sistema kumplessa ta' ġestjoni sabiex jimplementaw il-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament. Ir-rekwiżit li jkun hemm uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għalhekk ikun sproporzjonat mal-għanijiet segwiti f'dawk il-każijiet u dan ir-Regolament għandu jipprovi deroga minn dak ir-rekwiżit għal biċċeriji bħal dawn.
- (42) Id-depopulazzjoni spiss tinvolvi l-ġestjoni ta' kriżijiet bi prijoritajiet parallelli, bħas-saħħa tal-annimali, is-saħħa pubblika, l-ambjent jew il-benesseri tal-annimali. Filwaqt li huwa importanti li jkun hemm konformità mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali fl-istadji kollha fil-proċess ta' depopulazzjoni, jista' jiġri li f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-konformità ma' dawk ir-regoli tista' tpoġġi s-saħħa tal-bniedem f'riskju jew tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-proċess tal-qerda tal-marda u għalhekk tesponi lil aktar annimali għall-mard u l-mewt.
- (43) Kif xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitħallew li jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' każ b'każ fejn is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali teħtieġ il-qtil b'emerġenza tal-annimali u/jew meta ma jkun hemm l-ebda alternattiva xierqa disponibbli sabiex jiġi pprovdut l-aqwa benesseri għalihom. Madankollu, dawn id-derogi ma għandhomx ikunu sostituzzjoni għall-ippjanar xieraq. Għal dan il-għan, il-livell tal-ippjanar għandu jidied u l-benesseri tal-annimali għandu jkun integrat sewwa fil-pjanijiet ta' kontinġenza għall-mard li jittieħed.
- (44) Tagħmir modern ta' sturdament u ta' trażżin qiegħed isir dejjem iżjed kumpless u sofistikat, u jeħtieġ kompetenza u analiżi speċifika. L-Istati Membri għandhom għalhekk jistabbilixxu jew jinkarigaw fejn dan ikun diġà stabbilit ċentru speċifiku għal eċċellenza xjentifika u teknika bħala ċentru ta' referenza li l-uffiċjali jistgħu jirreferu għalihom meta t-tagħmir jew il-metodi għall-isturdament tal-annimali jkunu jeħtieġu li jiġu evalwati.
- (45) L-effikaċja ta' kull metodu ta' sturdament hija bbażata fuq il-kontroll tal-parametri ewlenin u tal-evalwazzjoni regolari tagħhom. L-iżvilupp ta' kodiċijiet nazzjonali ta' prattiki tajbin fuq il-benesseri tal-annimali għall-parametri, l-indikaturi u l-proċeduri ewlenin ta' monitoraġġ waqt il-qtil tal-annimali huwa għalhekk kritiku sabiex tiġi pprovduta gwida xierqa dwar il-benesseri tal-annimali għall-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti.
- (46) L-iżvilupp ta' dawn il-kodiċijiet jeħtieġ għarfien xjentifiku, kompetenza prattika u kompromess fost il-partijiet interessati. Ċentru jew netwerk ta' referenza f'kull Stat Membru għandu għalhekk iwettaq dan ix-xogħol f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti.
- (47) Il-kunsinna ta' ċertifikati ta' kompetenza għandha għalhekk tiġi pprovduta b'mod uniformi. Il-korpi u l-entitajiet li joħroġu ċ-ċertifikati ta' kompetenza għandhom għalhekk jiġu akkreditati skont standards konsistenti u minn awtorità nazzjonali waħda. Dan l-irwol għandu jiġi attribwit lil ċentru ta' referenza kif xieraq.
- (48) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jistipula li tittieħed xi tip ta' azzjoni mill-awtorità kompetenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli tal-benesseri. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jittieħdu biss dawk l-azzjonijiet addizzjonali li huma speċifiċi għal dan ir-Regolament.

- (49) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi proċeduri fi kwisjonijiet dwar is-sigurtà fl-ikel¹⁴ jipprovdi li l-EFSA għandha tippromwovi n-netwerking taċ-ċentri nazzjonali ta' referenza sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni xjentifika, l-iskambju tal-informazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti, l-iskambju ta' kompetenza u tal-aħjar prattika fil-qasam tal-liġi tal-ikel. Minħabba li l-l-benesseri tal-annimali jaqa' fi ħdan l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, in-netwerking taċ-ċentri ta' referenza stipulat f'dan ir-Regolament huwa għalhekk rwol importanti li għandha tassumih u tiżviluppah l-EFSA.
- (50) Il-kunsinna ta' ċertifikati ta' kompetenza u ta' korsijiet ta' taħriġ għandhom jiġu pprovdi b'mod uniformi. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jistabbilixxi l-obbligi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, kif ukoll il-modi li skonthom għandhom jingħataw, jiġu sospiżi jew irtirati ċ-ċertifikati ta' kompetenza.
- (51) Il-bini, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji jeħtieġu ppjanar u investiment fit-tul. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal perjodu transitorju xieraq sabiex jiġi kkunsidrat il-ħin meħtieġ sabiex l-industrija tkun tista' tadatta ruħha għar-rekwiżiti korrespondenti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Waqt dan il-perjodu, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 93/119/KE li huma applikabbli għall-bini, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji għandhom ikomplu japplikaw.
- (52) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li huma applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u sabiex jiġi żgurat li jiġu implimentati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u għandhom irażżnu lin-nies milli jiksru r-Regolament.
- (53) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq għall-ilħuq tal-għan bażiku tal-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla li jiġu stabbiliti regoli għall-qtil tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, fer jew prodotti oħra u għal operazzjonijiet relatati. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwiti, b'mod konformi mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tat-Trattat.
- (54) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-implimentazzjoni tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni¹⁵,

¹⁴ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17).

¹⁵ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

KAPITOLU I

Suġġett, ambitu u definizzjonijiet

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-qtil ta' annimali miżmumin għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, fer jew prodotti oħra u għal operazzjonijiet relatati.

Iżda, rigward il-ħut, japplika biss l-Artikolu 3(1).

Il-Kapitolu II, għajr għall-Artikolu 3(1) u (2) tiegħu, Kapitolu III u Kapitolu IV għajr għall-Artikolu 16 tiegħu ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' qtil minħabba emerġenza u meta l-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet tirriżulta f'riskju immedjat u serju għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika:

(a) meta l-annimali jinqatlu:

- (i) waqt esperimenti tekniċi jew xjentifiċi mwettqa taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti;
- (ii) waqt attivitajiet ta' kaċċa;
- (iii) waqt avvenimenti kulturali jew sportivi;
- (iv) minn veterinarju fil-qafas tal-prattika medika tiegħu/tagħha.

(b) għat-tjur u l-lagomorfi mbiċċra barra l-biċċerija mis-sid tagħhom għall-konsum tiegħu/tagħha stess.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall għan ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “qtil” ifisser proċess mibdi b’mod intenzjonat sabiex jikkawża l-mewt ta’ animal;
- (b) “operazzjonijiet relatati” tfisser operazzjonijiet bħall-immaniġġjar, iż-żamma, it-trażżin, l-isturdament u l-iżvinar tal-annimali li jseħħu fil-kuntest u fil-post fejn dawn ikunu sejrin jinqatlu;
- (c) “animal” ifisser kwalunkwe animal vertebrat, għajr rettili u amfibji;
- (d) “qtil minħabba emerġenza” ifisser il-qtil ta’ animali li huma feruti jew li għandhom marda assoċjata ma’ uġiġħ u sofferenza kbira u meta ma hemm l-ebda possibiltà Prattika oħra sabiex jittaffa dan l-uġiġħ jew sofferenza;
- (e) “iż-żamma” tfisser li l-annimali jinżammu fi stalel jew imqajjel, żoni mgħottija jew għelieqi assoċjati ma’ jew li huma parti mill-operazzjonijiet tal-biċċeriji;
- (f) “l-isturdament” ifisser kwalunkwe proċess mibdi intenzjonalment sabiex jikkawża t-telfien mis-sensi u t-telf tas-sensibilità mingħajr uġiġħ, inkluż kwalunkwe proċess li jirriżulta f’ mewta istantanja;
- (g) “rit reliġjuż” ifisser serje ta’ atti relatati mat-tbiċċir tal-annimali u preskritti minn reliġjon bħall-Iżlam jew il-Ġudajiżmu;
- (h) “avvenimenti kulturali jew sportivi” ifisser avvenimenti li huma essenzjali u li huma predominantement relatati ma’ tradizzjonijiet kulturali jew attivitajiet sportivi li ilhom stabbiliti, inkluż it-tlielaq jew forom oħra ta’ kompetizzjoni, fejn ma hemm l-ebda produzzjoni ta’ laħam jew prodotti ta’ animali oħra jew fejn dik il-produzzjoni hija marġinali meta mqabbla mal-avveniment u mhijiex ekonomikament sinifikanti;
- (i) “proċeduri operattivi standard” jfissru sett ta’ struzzjonijiet bil-miktub immirati sabiex tinkiseb l-uniformità tal-prestazzjoni ta’ funzjoni jew standard speċifiku;
- (j) “tbiċċir” ifisser il-qtil ta’ animali għall-konsum mill-bniedem;
- (k) “biċċerija” tfisser kwalunkwe stabbiliment użat għat-tbiċċir tal-annimali ta’ fuq l-art;
- (l) “operatur” ifisser kwalunkwe persuna naturali jew legali responsabbli għall-intrapriża li twettaq attivitajiet koperti b’dan ir-Regolament;
- (m) “annimali bil-fer” tfisser animali mill-ispeċi tal-mammiferi mrobbija primarjament għall-produzzjoni tal-fer bħall-minks, farretti, volpi, rakkuni, coypu u ċinċilli;
- (n) “depopolazzjoni” tfisser il-proċess tal-qtil tal-annimali minħabba raġunijiet ta’ saħħa pubblika, saħħa tal-annimali, benesseri tal-annimali jew għal raġunijiet ambjentali taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti;

- (o) “tjur” tfisser tjur imrobbija, inklużi tjur li mhumiex ikkunsidrati bħala tjur domestiċi iżda li huma mrobbija bħala animali domestiċi, bl-eċċezzjoni tar-ratiti;
- (p) “lagomorfi” tfisser fniek u liebri.

KAPITOLU II

Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3

Rekwiżiti ġenerali għall-qtil u operazzjonijiet relatati

1. L-annimali għandhom ikunu meħlusin minn kwalunkwe uġiġħ, dieqa jew tbatija li tista' tiġi evitata waqt il-qatla tagħhom u operazzjonijiet relatati.
2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-operaturi għandhom b'mod partikolari jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-annimali:
 - (a) jiġu pprovvuti b'kumdità fiżika u bi protezzjoni, b'mod partikolari billi jinżammu nodfa, f'kumdità termali u b'tali mod li ma jitħallewx jaqgħu jew jiżolqu;
 - (b) jiġu protetti minn korriment jew mard;
 - (c) jiġu mmaniġġjati u miżmuma waqt li tiġi kkunsidrata l-imġiba naturali tagħhom;
 - (d) ma jurux sinjali ta' uġiġħ, biża', aggressjoni jew imġiba oħra mhux normali;
 - (e) ma jgħaddux minn tul ta' żmien mingħajr għalf jew ilma;
 - (f) ma jitħallewx ikollhom interazzjoni avversa.
3. Faċilitajiet użati għall-qtil u operazzjonijiet relatati għandhom ikunu mfaċċlin, mibnija, miżmuma u mħaddma sabiex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti skont il-paragrafi 1 u 2 taħt il-kundizzjonijiet mistennija ta' attività tal-faċilità matul is-sena.

Artikolu 4

Metodi għall-qatla

1. L-annimali għandhom jinqatlu biss permezz ta' metodu li jassigura mewta istantanja jew wara li jiġu storduti.
2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, meta dawn il-metodi jiġu preskritti minn riti reliġjużi, l-annimali jistgħu jinqatlu mingħajr ma jiġu storduti qabel, sakemm il-qtil isir f'biċċerija.

Iżda l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-deroga.

Artikolu 5

L-isturdament

1. L-isturdament jista' jitwettaq f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Anness I.
2. Il-persunal responsabbli għall-isturdament għandu jwettaq kontrolli regolari sabiex jassigura li l-annimali ma jippreżentawx xi sinjal li juri li jkunu f'sensihom jew ta' sensibilità fil-perjodu bejn l-aħħar tal-proċess ta' sturdament u l-konferma tal-mewt.

Dawk il-kontrolli għandhom jitwettqu fuq kampjun ta' annimali rappreżentattiv biżżejjed u l-frekwenza tagħhom għandha tiġi stabbilita billi jiġi kkunsidrat l-eżitu tal-kontrolli preċedenti u ta' kwalunkwe fattur li jista' jaffettwa l-effikaċja tal-proċess ta' sturdament.

3. L-Anness I jista' jiġi emendat b'konformità mal-proċeduri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 22(2) sabiex jikkunsidra l-progress xjentifiku u tekniku.

Iżda kwalunkwe emenda bħal din għandha tassigura livell ta' benesseri tal-annimali li jkun mill-inqas ekwivalenti għall-metodi eżistenti kif muri mill-provi xjentifiċi ppubblikati f'ġurnali adattati, rikonoxxuti fuq livell internazzjonali u li tkun saritilhom reviżjoni mill-kollegi.

4. Il-Kodiċi tal-Komunità ta' prattika tajba dwar il-metodi stabbiliti fl-Anness I jista' jiġi adottat b'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 6

Proċeduri ta' ħidma standard

1. Il-qtil tal-annimali u operazzjonijiet relatati għandhom jiġu ppjanati minn qabel u mwettqa f'konformità mal-proċeduri operattivi standard.
2. L-operaturi għandhom ifasslu u jimplementaw dawn il-proċeduri operattivi standard sabiex jiżguraw li l-qtil u l-operazzjonijiet relatati jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 3(1).

Fil-każ tal-isturdament, il-proċeduri operattivi standard għandhom:

- (a) jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-fabbrikant;
 - (b) jiddefinixxu għal kull metodu ta' sturdament użat, il-parametri ewlenin imsemmija fil-Kapitolu I tal-Anness I.
3. Il-proċeduri operattivi standard għandhom ikunu magħmulin disponibbli għall-awtorità kompetenti meta din titlobhom.

Artikolu 7

Livell u ċertifikat ta' kompetenza

1. Il-qtil u operazzjonijiet relatati għandhom isiru biss minn persuni b'livell xieraq ta' kompetenza sabiex jagħmlu dan f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.
2. L-operazzjonijiet tal-qatla li ġejjin għandhom isiru biss minn persuni li għandhom ċertifikat ta' kompetenza għal dawn l-operazzjonijiet, kif hemm provdut għalihom fl-Artikolu 18:
 - (a) l-immaniġġjar u l-kura tal-annimali qabel dawn jitrażżnu;
 - (b) it-trażżin tal-annimali għall-għanijiet tal-isturdament jew il-qtil;
 - (c) l-isturdament tal-annimali;
 - (d) il-valutazzjoni ta' sturdament effettiv;
 - (e) l-irbit jew l-irfiġh ta' annimali ħajjin;
 - (f) l-iżvinar ta' annimali ħajjin.
3. Il-qtil ta' annimali bil-fer għandu jiġi superviżjonat minn persuna li għandha ċertifikat ta' kompetenza kif hemm referenza għal dan fl-Artikolu 18 li jikkorrispondi għall-operazzjonijiet kollha mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha.

Artikolu 8

Istruzzjonijiet għall-użu ta' tagħmir għat-trażżin jew ta' sturdament

Il-prodotti kkummerċjalizzati jew irrekklamati bħala tagħmir għat-trażżin jew għall-isturdament ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq mingħajr struzzjonijiet xierqa dwar l-użu u l-manutenzjoni tagħhom, b'mod li jassigura kundizzjonijiet ottimali għall-benesseri tal-annimali.

Dawk l-istruzzjonijiet għandhom b'mod partikolari jispeċifikaw:

- (a) il-kategoriji jew il-piżijiet tal-annimali li għalihom huwa maħsub li jintuża t-tagħmir;
- (b) il-parametri rakkomandati li jikkorrispondu għaċ-ċirkostanzi differenti ta' użu, inkluż il-parametri ewlenin stabbiliti fl-Anness I;
- (c) għat-tagħmir tal-isturdament, metodu għall-monitoraġġ tal-effikaċja tat-tagħmir fil-każ ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Dan l-Artikolu għandu japplika meta t-trażżin jew l-isturdament ikun funzjoni waħda jew aktar mill-funzjonijiet ta' dan it-tagħmir.

Artikolu 9

L-użu ta' tagħmir tat-trażżin u tal-isturdament

1. It-tagħmir kollu użat għat-trażżin jew għall-isturdament tal-annimali għandu jitħaddem, jinżamm u jiġi kkontrollat minn persunal imħarreġ b'mod xieraq u f'konformità mal-istruzzjonijiet tal-fabbrikanti.
2. Waqt l-operazzjonijiet tal-qatla, għandu jkun disponibbli immedjatament fuq il-post tagħmir ta' riżerva għall-isturdament u dan għandu jintuża fil-każ li t-tagħmir tal-isturdament użat inizjalment ma jaħdimx.

Artikolu 10

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu relevanti għall-għanijiet tal-Artikolu 12(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

KAPITOLU III

Rekwiżiti addizzjonali applikabbli għall-biċċeriji

Artikolu 11

Il-bini, it-tqassim u t-tagħmir tal-biċċeriji

1. Il-bini u t-tqassim tal-biċċeriji u t-tagħmir użat fihom għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fl-Anness II.
2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, għandha tapprova għal kull biċċerija:
 - (a) il-kapaċità massima għal kull linja għat-tbiċċir;
 - (b) il-kategoriji ta' annimali u piżijiet li għalihom jista' jintuża t-tagħmir disponibbli għat-trażżin jew għall-isturdament;
 - (c) il-kapaċità massima għal kull post ta' żamma temporanja maħsub għall-ekwidi u għall-annimali ta' speċi bovina, tan-nagħaġ, tal-mogħoż, tal-ħnieżer u tat-tjur u lagomorfi.
3. Dan li ġej għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2):
 - (a) derogi għar-regoli stabbiliti fl-Anness II għall-biċċeriji mobbli;
 - (b) emendi neċessarji sabiex l-Anness II jiġi adattat sabiex jikkunsidra l-progress xjentifiku u tekniku.

4. Linjigwidi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Anness II jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċeduri li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 12

L-operazzjonijiet tal-immaniġġjar u trażżin qabel it-tbiċċir

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mar-regoli operattivi għall-biċċeriji stabbiliti fl-Anness III.
 2. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-annimali li jinqatlu mingħajr ma jiġu storduti jitrażżnu b'mod mekkaniku.
 3. Minkejja l-Artikolu 3(1), il-metodi ta' trażżin li ġejjin għandhom jiġu projbiti:
 - (a) is-sospensjoni jew l-irfiġh tal-annimali minn saqajhom jew riġlejh;
 - (b) it-trażżin mekkaniku tar-riġlejn jew tas-saqajn tal-annimali;
 - (c) il-ksur tas-saqajn, il-qtuġh tal-għeruq tas-saqajn jew li wieħed jagħmihom;
 - (d) korriment tas-sinla, bħal bl-użu ta' puntilla jew sejf;
 - (e) l-użu ta' kurrenti tal-elettriku li ma jistordux jew li ma joqtlux lill-annimali taħt ċirkostanzi kkontrollati, b'mod partikolari kwalunkwe applikazzjoni ta' kurrent elettriku li ma taffettwax lill-moħħ.
- Iżda l-punti (a) u (b) ma għandhomx japplikaw għat-trażżin tat-tjur.
4. L-Anness III jista' jiġi emendat b'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2) sabiex jiġi kkunsidrat il-progress xjentifiku u tekniku.
 5. Linjigwida għall-implimentazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Anness III jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċeduri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 13

Il-monitoraġġ waqt il-qatla

1. L-operaturi għandhom idaħħlu fis-seħħ u jimplimentaw proċeduri ta' monitoraġġ xierqa sabiex jivverifikaw u jikkonformaw li l-annimali għall-qatla jiġu storduti effettivament fil-perjodu ta' bejn l-aħħar tal-proċess ta' sturdament u l-konferma tal-mewt.
2. Il-proċeduri ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:
 - (a) l-isem tal-persuni responsabbli għall-proċeduri ta' monitoraġġ;

- (b) indikaturi mfasslin sabiex jikxfu sinjali ta' nuqqas ta' telfien mis-sensi u ta' sinjali li juru li l-annimal huwa f'sensih jew ta' sinjali ta' sensibilità fl-annimali soġġetti għall-operazzjonijiet ta' qtil b'mod konformi mal-Artikolu 4(1); jew sinjali ta' ħajja f'annimali soġġetti għall-operazzjonijiet ta' tbiċċir f'konformità mal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 4(2);
 - (c) kriterji ta' aċċettabilità sabiex jiġi determinat jekk ir-riżultati tal-indikaturi msemmija fil-punt (b) humiex sodisfaċenti jew le;
 - (d) iċ-ċirkostanzi u/jew il-ħin meta l-monitoraġġ għandu jseħħ;
 - (e) in-numru ta' annimali f'kull kampjun li għandhom jiġu kkontrollati waqt il-monitoraġġ;
 - (f) proċeduri adattati sabiex jiżguraw li fil-każ li l-kriterji ta' aċċettabilità msemmija fil-punt (c) ma jiġux issodisfati, issir reviżjoni tal-operazzjoni tal-isturdament jew tal-qtil sabiex jiġu identifikati l-kawżi ta' kwalunkwe nuqqas u l-bidliet neċessarji li għandhom isiru għal dawk l-operazzjonijiet.
3. Għandha tiġi stabbilita proċedura ta' monitoraġġ għal kull linja tat-tbiċċir meta jintuża tagħmir differenti għall-isturdament.
 4. Il-frekwenza tal-kontrolli ta' monitoraġġ għandhom iqisu l-fatturi ewlenin tar-riskju, bħall-bidliet dwar it-tip ta' annimali mbiċċra jew il-mudelli ta' ħidma tal-persunal u għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiżguraw riżultati b'livell għoli ta' fiduċja.
 5. Il-kodiċi tal-komunità ta' Prattika tajba dwar il-proċeduri ta' monitoraġġ fil-biċċeriji jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 14

Uffiċjal għall-benesseri tal-annimali

1. L-operaturi għandhom jaħtru uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għal kull biċċerija li għandu jkun responsabbli sabiex jassigura l-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament f'dik il-biċċerija. Huwa jew hija għandha tirrapporta direttament lill-operatur fuq kwistjonijiet relatati mal-benesseri tal-annimali.
2. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jkun taħt l-awtorità diretta tal-operatur u f'pożizzjoni li jitlob mill-persunal tal-biċċerija li jwettaq kwalunkwe azzjoni ta' rimedju li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. Ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tal-benesseri tal-annimali għandhom jiġu stabbiliti fil-proċeduri operattivi standard tal-biċċeriji u jinġiebu effettivament għall-attenzjoni tal-persunal konċernat.
4. L-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali għandu jkollu ċertifikat ta' kompetenza kif imsemmi fl-Artikolu 18 li jkopri l-operazzjonijiet kollha li jseħħu fil-biċċeriji li għalihom huwa (jew hija) ikun (tkun) responsabbli.

5. Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-biċċerji li jbiċċru inqas minn 1 000 unità ta' mammiferi jew 150 000 unità ta' tajra kull sena.

KAPITOLU IV

Id-depopulazzjoni u l-qtil minħabba emerġenza

Artikolu 15

Id-depopulazzjoni

1. L-awtorità kompetenti u l-operaturi involuti fl-operazzjoni ta' depopulazzjoni għandhom jistabbilixxu pjan ta' azzjoni sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, qabel il-bidu tal-operazzjoni.

B'mod partikolari, il-metodi ta' qtil ippjanati u l-proċeduri operattivi standard li jikkorrispondu sabiex tiġi assicurata l-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' kontinġenza meħtieġa taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità dwar is-saħħa tal-annimali, fuq il-bażi ta' ipoteżi stabbilita fil-pjan ta' kontinġenza dwar id-daqs u l-post ta' tifqigħat suspettati.

2. L-awtorità kompetenti u l-operaturi involuti fl-operazzjonijiet ta' depopulazzjoni għandhom:

- (a) jiżguraw li dawn l-operazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 1;
- (b) kwalunkwe azzjoni xierqa sabiex tissalvagwardja l-benesseri tal-annimali fl-aħjar kundizzjonijiet disponibbli.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu u f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi minn waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament meta tikkunsidra li huwa probabbli li l-konformità tkun se taffettwa s-saħħa tal-bniedem jew tnaqqas b'mod sinifikanti l-proċess ta' qerda ta' marda.

4. Fi żmien sena mid-data tat-tmiem tal-operazzjoni tad-depopulazzjoni, l-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tittrasmetti lill-Kummissjoni u tagħmel pubblikament disponibbli, b'mod partikolari permezz tal-internet, rapport ta' evalwazzjoni fuq ir-riżultati tagħhom.

Dak ir-rapport għandu jinkludi, b'mod partikolari :

- (a) ir-raġunijiet għad-depopulazzjoni;
- (b) in-numru u l-ispeċi tal-annimali maqtula;
- (c) il-metodi tal-isturdament u ta' qtil użati;

- (d) deskrizzjoni tad-diffikultajiet li nqalgħu u fejn ikun xieraq, is-soluzzjonijiet misjuba li jtaffu jew li jnaqqsu t-tbatija tal-annimali konċernati;
 - (e) kwalunkwe deroga mogħtija f'konformità mal-paragrafu 3.
5. Linjigwida għall-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tad-depopolazzjoni jistgħu jiġu adottati f'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 16

Il-qtil minħabba emerġenza

Fil-każ ta' qtil minħabba emerġenza, il-persuna responsabbli għall-annimali konċernati għandha tiegħu l-passi kollha neċessarji sabiex toqtol lill-annimal malajr kemm jista' jkun.

KAPITOLU V

L-Awtorità Kompetenti

Artikolu 17

Ċentri ta' Referenza

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar ċentru ta' referenza nazzjonali (minn issa 'l quddiem "ċentru ta' referenza") sabiex iwettaq id-dmirijiet li ġejjin:
- (a) jipprovdi kompetenza xjentifika u teknika relatata mal-approvazzjoni tal-biċċeriji;
 - (b) iwettaq valutazzjonijiet tal-metodi ġodda ta' sturdament;
 - (c) iħeġġeġ b'mod attiv l-iżvilupp ta' operaturi u ta' kwalunkwe parti interessata oħra ta' kodiċijiet ta' prattika tajba għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u l-pubblikazzjoni u t-tqassim ta' dawn il-kodiċijiet u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħhom;
 - (d) jiżviluppa linjigwida għall-awtorità kompetenti għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament;
 - (e) jakkredita korpi u entitajiet għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' kompetenza, kif hemm iprovdut għalihom fl-Artikolu 18;
 - (f) jikkorrispondi u jikkoopera mal-Kummissjoni u ma' ċentri ta' referenza oħrajn, sabiex jaqsam informazzjoni teknika u xjentifika u l-aħjar prattiċi fil-każ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jissottomettu dettalji taċ-ċentru ta' referenza tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn u għandhom jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli pubblikament fuq l-internet.
3. Ċentri ta' referenza jistgħu jiġu stabbiliti bħala netwerk, magħmul minn entitajiet separati, sakemm id-dmirijiet elenkati fil-paragrafu 1 jiġu allokati għall-attivitajiet rilevanti kollha li jseħħu fl-Istati Membri konċernati.

L-Istati Membri jistgħu jaħtru entità li tinsab barra mit-territorju tagħhom stess sabiex twettaq wieħed minn dawn id-dmirijiet jew aktar.

Artikolu 18

Ċertifikat ta' Kompetenza

1. Għall-għanijiet tal-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti responsabbli għal:
 - (a) l-iżgurar li jkun hemm korsijiet ta' taħriġ disponibbli għall-persunal involut fil-qatla u operazzjonijiet relatati;
 - (b) it-tqassim ta' ċertifikati ta' kompetenza li juru li jkun għadda b'suċċess minn eżami finali indipendenti; is-suġġetti ta' dan l-eżami għandhom ikunu rilevanti għall-kategoriji tal-annimali konċernati u għandhom jikkorrispondu għall-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 7(2), u s-suġġetti stabbiliti fl-Anness IV;
 - (c) l-approvazzjoni ta' programmi ta' taħriġ tal-korsijiet imsemmija fil-punt (a) u l-kontenut u l-modalitajiet tal-eżami msemmi fil-punt (b);
 2. L-awtorità kompetenti tista' tiddelega l-organizzazzjoni tal-korsijiet, l-eżami finali u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' kompetenza lil korp separat jew lil entità li:
 - (a) għandha l-kompetenza, il-persunal u t-tagħmir neċessarju sabiex tagħmel dan;
 - (b) hija indipendenti u ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' kompetenza;
 - (c) hija akkreditata miċ-ċentru ta' referenza.
- Id-dettalji ta' dawn il-korpi u l-entitajiet għandhom ikunu disponibbli pubblikament, b'mod partikolari permezz tal-internet.
3. Iċ-ċertifikati ta' kompetenza għandhom jindikaw għal liema kategoriji ta' annimali u għal liema mill-operazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 7(2) jew (3) huwa validu iċ-ċertifikat.

Iċ-ċertifikati ta' kompetenza ma għandhomx ikunu validi għal perjodu li jaqbeż il-ħames snin.

4. L-Istati Membri għandhom jagħrfu ċ-ċertifikati ta' kompetenza maħruġin fi Stat Membru ieħor.
5. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu diplomi mogħtijin għal għanijiet oħra bħala ċertifikati ta' kompetenza sakemm dawn ikunu ngħataw taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu.

KAPITOLU VI

In-nuqqas ta' konformità, il-penali u l-poteri implimentattivi

Artikolu 19

In-nuqqas ta' konformità

Għall-għan tal-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, l-awtorità kompetenti tista' b'mod partikolari:

- (a) titlob lill-operaturi sabiex jemendaw il-proċeduri operattivi standard tagħhom u b'mod partikolari jnaqqsu jew iwaqqfu l-produzzjoni;
- (b) iżżid il-frekwenza ta' proċeduri ta' monitoraġġ li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 13;
- (c) tirtira ċertifikati ta' kompetenza minn persunal li ma jurix għarfien jew attenzjoni biżżejjed tax-xogħlijiet tiegħu;
- (d) tissospendi jew tirtira l-akkreditazzjoni ta' korpi u entitajiet li jkunu ġew akkreditati b'mod konformi mal-Artikolu 17(1)(e).

Artikolu 20

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u li jrażżnu l-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn [1 ta' Jannar 2011] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda li taffettwawhom.

Artikolu 21

Regoli Implimentattivi

Kwalunkwe regola dettaljata neċċessarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż għat-tbiċċir jew għall-qtil tal-ħut, għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22(2).

Artikolu 22

II-Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kumitat għandu jiġi assistit mill-Kumitat Permanenti għall-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Animali, stabbilit permezz tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.
3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

KAPITOLU VII

Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 23

Revoka

1. Id-Direttiva 93/119/KEE hija revokata.

Madankollu għall-għanijiet tal-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva 93/119/KEE għandhom jibqgħu japplikaw:
 - (a) Anness A:
 - (i) Paragrafu 1 tat-Taqsima I;
 - (ii) Paragrafu 1 u t-tieni sentenza tal-paragrafu 3 u tal-paragrafi 6, 7 u 8 tat-Taqsima II;
 - (b) Anness B, paragrafu 1;
 - (c) Anness C, paragrafi 3.A.2, 3.B.4 u paragrafi 4.2 u 4.3 tat-Taqsima II;
 - (d) Anness F, paragrafi 4(a) u 6(a) tat-Taqsima II.
2. Ir-referenzi għad-Direttiva revokata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet Transitorji

1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, l-Artikolu 11(1) għandu japplika biss għal biċċeriji ġodda jew għal kwalunkwe bini, tqassim jew tagħmir ġdid kopert mir-regoli stabbiliti fl-Anness II li ma daħlux fis-seħħ qabel id-data ta' [applikazzjoni/dħul fis-seħħ] ta' dan ir-Regolament.
2. Sal-31 ta' Diċembru 2014, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal ċertifikati ta' kompetenza, kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 18, li għandhom jinħarġu mingħajr eżami lill-persuni li juru esperjenza professjonali mhux interrotta rilevanti ta' mill-anqas [għaxar] snin.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-[1 ta' Jannar 2011].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

LISTA TAL-METODI TA' STURDAMENT U TAL-QTIL U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RELATATI

(kif hemm referenza għalihom fl-Artikoli 5(1))

Kapitolu I — Metodi

Tabella 1 — Metodi mekkaniċi

Nr u	Isem	Deskrizzjoni	Kategoriji ta' annimali	Parametri ewlenin	Rekwiżiti speċifiċi għal ċerti metodi – Kapitolu II ta' dan l-Anness
1	Pistola ta' captive bolt penetranti	Ħsara severa u irreversibbli tal-moħħ ikkawżata mix-xokk u mill-penetrazzjoni tal-captive bolt.	L-ispeċi kollha.	Pożizzjoni u direzzjoni tal-isparatura. Veloċità u dijametru tal-balla xierqa skont id-daqs u l-ispeċi tal-annimal.	Mhux applikabbli.
2	Pistola ta' captive bolt mhux penetranti	Ħsara severa tal-moħħ ikkawżata mix-xokk ta' captive bolt mingħajr penetrazzjoni.	Annimali li jixtarru sa 10 kg, tjur u lagomorfi.	Pożizzjoni u direzzjoni tal-isparatura. Veloċità u dijametru adattat tal-balla skont id-daqs u l-ispeċi tal-annimal.	Mhux applikabbli.
3	Arma tan-nar bil-balla	Ħsara severa u irreversibbli tal-moħħ ikkawżat mix-xokk u mill-penetrazzjoni ta' balla waħda jew aktar .	L-ispeċi kollha.	Il-pożizzjoni tal-balla. Is-saħħa tal-iskartoċċ.	Mhux applikabbli.
4	Maċerazzjoni	Tgħaffiġ immedjat tal-annimal kollu.	Flieles sa 72 siegħa u embrijuni tal-bajd.	Daqs massimu tal-kwantità li għandha tiġi introdotta. Kejl sabiex ma jkunx kemm tagħbija żejda.	Punt 1.

5	Diżlokkazzjo ni ċervikali	Tiġbida u tidwira manwali tal-għonq li jirriżultaw f'iskemja ċerebrali.	Għasafar sa 3 kg.	Mhux applikabbli.	Punt 2.
---	---------------------------	---	-------------------	-------------------	---------

6	Daqqiet ripetuti fuq ir-ras	Daqqa soda u preċiża fuq ir-ras li tipprovoka ħsara severa lill-moħħ.	Qżieqez żgħar, ħrief, lagomorfi u tjur sa 5 kg.	Mhux applikabbli.	Punt 2.
---	-----------------------------	---	---	-------------------	---------

Tabella 2 — Metodi elettriċi

Nr u	Isem	Deskrizzjoni	Kategorija ta' animali	Parametri ewlenin	Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness
1	Sturdament elettriku tar-ras biss	L-esponiment tal-moħħ għall-kurrent li jiġġenera forma epilettika ġġeneralizzata fuq l-Electro-Encephalogram (EEG).	L-ispeċi kollha.	Kurrent minimu (A jew mA). Voltaġġ minimu (V). Frekwenza massima (Hz). Ħin minimu ta' esponiment. Intervall(i) stun-to-stick massimi . Frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir. L-aħjar użu tal-fluss tal-kurrent. Il-prevenzjoni tax-xokkijiet elettriċi qabel l-isturdament.	Punt 3
2	Qtil elettriku mir-ras għad-dahar	L-esponiment tal-ġisem kollu għall-kurrent li fl-istess ħin jiġġenera forma epilettika ġġeneralizzata fuq l-EEG (sturdament) u l-fibrillazzjoni jew il-waqfien tal-qalb (qtil).	L-ispeċi kollha ħlief il-ħrief u l-qżieqeż żgħar ta' inqas minn 5 kg piż ħaj u baqar.	Kurrent minimu (A jew mA). Voltaġġ minimu (V). Frekwenza massima (Hz). Ħin minimu ta' esponiment. Frekwenza tal-kalibrar tat-tagħmir.	Punt 3 Punt 4 għall-volpi u ċinċilli.

				<p>L-aħjar użu tal-fluss tal-kurrent.</p> <p>Il-prevenzjoni tax-xokkijiet elettriċi qabel l-isturdament.</p>	
--	--	--	--	--	--

3	Banju tal-ilma li minnu jgħaddi l-elettriku	L-esponiment tal-ġisem kollu f'banju tal-ilma li minnu jgħaddi l-elettriku għall-kurrent li jiġġenera forma epilettika ġeneralizzata fuq l-EEG (sturdament) u possibbilment il-fibrillazzjoni jew il-waqfien tal-qalb (qtil).	Tjur.	<p>It-tnaqqis kemm jista' jkun tal-uġiġħ waqt l-irbit.</p> <p>L-aħjar użu tal-fluss tal-kurrent.</p> <p>Id-dewmien massimu tal-irbit qabel il-banju tal-ilma (li minnu jgħaddi l-elettriku).</p> <p>L-immersjoni tal-għasafar sal-parti t'isfel tal-ġwienaħ.</p> <p>L-intervall stun-to-stick massimu għal frekwenza ta' aktar minn 60 Hz.</p>	Punt 5
---	---	---	-------	--	--------

Tabella 3 — Metodi bil-Gass

Nr u	Isem	Deskrizzjoni	Il-Kateġoriji tal-Animali	Parametri Ewlenin	Rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness
1	Id-dijossidu tal-karbonju f'konċentrazzjonijiet għoljin	L-esponiment ta' animali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha aktar minn 30 % ta' dijossidu tal-karbonju.	Ħnieżer, tjur u animali bil-fer.	<p>Il-konċentrazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju.</p> <p>Id-dewmien tal-esponiment.</p> <p>L-intervall stun-to-stick massimu (ħnieżer).</p>	<p>Punt 6.</p> <p>Punt 7 għat-tjur.</p>
2	Id-dijossidu tal-karbonju f'konċentrazzjonijiet baxxi	L-esponiment ta' animali f'sensihom għal taħlita gass li fiha aktar minn 30% ta' dijossidu tal-karbonju.	Ħnieżer u tjur.	<p>Il-konċentrazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju.</p> <p>Id-dewmien tal-esponiment.</p> <p>L-intervall stun-to-stick massimu fil-każ tal-isturdament (ħnieżer).</p>	Punt 7 għat-tjur.

3	Gassijiet inert	L-esponiment ta' animali f'sensihom għal taħlita ta' gassijiet inert bħall-Argon jew in-Nitroġenu li fih inqas minn 2% ta' ossiġenu.	Ħnieżer u tjur.	Il-konċentrazzjoni tal-ossiġenu. Id-dewmien tal-esponiment. L-intervall stun-to-stick massimu fil-każ tal-isturdament (ħnieżer).	Punt 7 għat-tjur.
---	-----------------	--	-----------------	--	-------------------

4	Il-monossidu tal-karbonju (sors pur)	L-esponiment ta' animali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha aktar minn 4% ta' monossidu tal-karbonju.	Animal bil-fer u qżieq.	Il-kwalità tas-sors tal-gass. Il-konċentrazzjoni tal-monossidu tal-karbonju. Id-dewmien tal-esponiment. It-temperatura tal-gass.	Punt 8.
5	Il-monossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet oħra	L-esponiment ta' animali f'sensihom għal taħlita ta' gass li fiha aktar minn 1% ta' monossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet tossiċi oħra.	Animali bil-fer.	Il-konċentrazzjoni tal-monossidu tal-karbonju. Id-dewmien tal-esponiment. It-temperatura tal-gass. Il-filtrazzjoni tal-gass prodott mill-magna.	Punt 8. Punt 9.

Tabella 4 — Metodi oħra

Nr u	Isem	Deskrizzjoni	Il-kategoriji tal-animali	Parametri ewlenin	Rekwiżiti speċifiċi għall-Kapitolu II ta' dan l-Anness
1	Injezzjoni letali taħt superviżjoni veterinarja	Telfien mis-sensi u telf tas-sensibilità segwiti minn mewt irriversibbli li tirriżulta minn injezzjoni ta' mediċini veterinarji.	L-ispeċi kollha.	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

Kapitolu II — Rekwiżiti Speċifiċi għal Ċerti Metodi

1. Maċerazzjoni

Dan il-metodu għandu jipprovdi maċerazzjoni istantanja u l-mewt tal-annimali.

2. Diżlokazzjoni ċervikali

Il-metodi ta' diżlokazzjoni ċervikali ma għandhomx jintużaw għal aktar minn ħamsin annimal kuljum.

3. Sturdament elettriku tar-ras biss

3.1 Meta jintuża l-isturdament elettriku tar-ras biss, l-elettrodi għandhom jiddawru mal-moħħ tal-annimal.

3.2 L-isturdament bl-elettriku tar-ras biss għandu jsir f'konformità mal-kurrenti minimi stabbiliti fit-Tabella 1.

Tabella 1 — Kurrenti minimi għall-isturdament elettriku tar-ras biss

Kategorija ta' annimali	Annimali bovini ta' 6 xhur jew aktar	Annimali bovini ta' inqas minn 6 xhur	Annimali tal-ispeċi tan-ngħaġ u tal-mogħoż	Annimali tal-ispeċi tal-ħnieżer	Tiġieġ	Dundjani
Kurrent minimu	1,28 A	1,25 A	1,00 A	1,30 A	240 mA	400 mA

4. Qtil bl-elettriku mir-ras għad-dahar

4.1 Annimali tal-ispeċi tan-ngħaġ, tal-mogħoż u tal-ħnieżer.

Il-kurrenti minimi għall-qtil bl-elettrodi mir-ras għad-dahar għandhom ikunu ta' 1 ampere għall-mogħoż u ta' 1,30 amperes għall-ħnieżer.

4.2 Volpi

L-elettrodi għandhom jitwaxxlu fil-ħalq u fir-rektum b'kurrent ta' valur minimu ta' 0,3 amperes u vultaġġ minimu ta' 110 volt għal mill-inqas tliet sekondi.

4.3 Ċincilli

L-elettrodi għandhom jitwaxxlu fil-widna u mad-denb b'kurrent ta' valur minimu ta' 0,57 amperes għal mill-anqas 60 sekonda.

5. L-isturdament tat-tjur f'banjijiet tal-ilma li minnhom jgħaddi l-elettriku

5.1 L-annimali ma għandhomx jintrabtu jekk huma żgħar wisq għall-banju tal-ilma li minnu jgħaddi l-elettriku jew jekk l-irbit jista' joħloq jew iżid l-uġiġħ li jinħass (bħal annimali feruti). F'dawn il-każijiet, għandhom jinqatlu b'metodu ieħor.

- 5.2 L-irbit għandu jkun imxarrab, qabel ma jiddendlu l-għasafar ħajjin, li għandhom jiddendlu miż-żewġ saqajn.
- 5.3 L-isturdament f'banju tal-ilma li minnu jgħaddi l-elettriku għandu jitwettaq skont il-kurrenti minimi stabbiliti fit-Tabella 2 u l-annimali għandhom ikunu esposti għal dak il-kurrent għal tul minimu ta' mill-inqas erba' sekondi.

Tabella 2 — Rekwiżiti elettriċi għat-tagħmir tal-isturdament fil-banjijiet tal-ilma li minnu jgħaddi l-elettriku

Frekwenza (Hz)	Tiġieġ	Dundjani	Papri u wiżż
< 200 Hz	100 mA	250 mA	130 mA
Minn 200 sa 400 Hz	150 mA	400 mA	Mhux permess
Minn 400 sa 1500 Hz	200 mA	400 mA	Mhux permess

6. Id-dijossidu tal-karbonju f'konċentrazzjoni għola (aktar minn 30%)

L-ebda annimal ma għandu juri sinjal li jinsab f'sensih jew ta' sensibilità wara 30 sekonda ta' esponiment.

7. Id-dijossidu tal-karbonju f'konċentrazzjoni għolja jew baxxa, l-użu ta' gassijiet inerti jew kombinazzjoni ta' dawk it-taħlitiet ta' gass għat-tjur

Il-gassijiet fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jidħlu fil-kompartiment jew fil-post fejn it-tjur għandhom jiġu storduti jew maqtula b'mod li jistgħu joħolqu ħruq jew eċċitament minħabba friżar jew nuqqas ta' umdità.

8. Il-monossidu tal-karbonju (sors pur jew assoċjat ma' gassijiet oħra) għall-annimali bil-fer

8.1 L-annimali għandhom jinżammu taħt superviżjoni viżiva l-ħin kollu.

8.2 Għandhom jiddaħħlu wieħed wieħed u għandu jiġi assigurat li qabel jiddaħħal l-annimal li jmiss, dak preċedenti ma jkunx f'sensih jew ikun mejjet.

8.3 L-annimali għandhom jibqgħu fil-kompartiment sakemm dawn ikunu mietu.

9. Il-monossidu tal-karbonju assoċjat ma' gassijiet oħra għall-annimali bil-fer

9.1 Il-gass prodott minn magna adattata apposta għal dak il-għan jista' jintuża kemm-il darba t-testijiet ikunu wrew li l-gass użat:

- (a) ikun ġie mkessaħ b'mod xieraq;
- (b) ikun ġie ffiltrat biżżejjed
- (c) huwa ħieles minn kwalunkwe komponent jew gass irritanti.

9.2 L-annimali ma għandhomx jitqiegħdu fil-kamra sakemm tkun intlaħqet il-konċentrazzjoni minima tal-monossidu tal-karbonju.

ANNEX II

IL-BINI, IT-TQASSIM U T-TAGĦMIR TAL-BIĊĊERJI

(kif imsemmi fl-Artikolu 11)

- 1. Il-faċilitajiet kollha għall-postijiet temporanji għaż-żamma**
 - 1.1 Is-sistemi kollha ta' ventilazzjoni għandhom ikunu mfasslin, mibnija u miżmuma sabiex il-benesseri tal-annimali jkun żgurat b'mod kostanti, waqt li tiġi kkunsidrata l-firxa mistennija tal-kundizzjonijiet tat-temp.
 - 1.2 Meta huma meħtieġa mezzi mekkaniċi ta' ventilazzjoni, għandhom isiru dispożizzjonijiet għal faċilitajiet ta' riżerva ta' emerġenza fil-każ ta' ħsara.
- 2. Postijiet temporanji għaż-żamma tal-annimali li ma jiġux ikkunsinjati f'reċipjenti**
 - 2.1 L-imqajjel, il-passaġġi u l-korsiji għandhom jitfasslu u jinbnew b'tali mod li jippermettu li:
 - (a) l-annimali jiċċaqalqu liberament fid-direzzjoni meħtieġa bl-użu tal-karatteristiċi ta' mgħiba tagħhom u mingħajr distrazzjoni;
 - (b) l-ħnieżer jew in-ngħaġ jimxu ma' ġenb xulxin, ħlief fil-każ tal-korsiji li jwasslu għat-tagħmir tat-trażżin.
 - 2.2 Is-sistema tal-provvista tal-ilma għandha titfassal u tinbena b'tali mod li tippermetti aċċess għall-ilma nadif lill-annimali kollha fil-ħinijiet kollha mingħajr ma jweġġgħu jew mingħajr ma jkunu limitati fil-movimenti tagħhom.
 - 2.3 Ikun hemm maqjel għall-istennija, b'art dritta u ġnub solidi, bejn l-imqajjel fejn jinżammu l-annimali u l-korsija li twassal għall-punt tal-isturdament, sabiex tiġi żgurata provvista regolari ta' annimali għall-isturdament u l-qtil u sabiex jiġi evitat li dawk li jittrattaw l-annimali jkollhom iħaffu lill-annimali mill-imqajjel fejn jinżammu. Il-maqjel għall-istennija għandu jitfassal b'tali mod li l-annimali ma jkunux marsusin jew mgħaffġin.
 - 2.4 L-art għandha tinbena b'mod li r-riskju li l-annimali jiżolqu, jaqgħu jew iweġġgħu saqajhom ikun minimizzat.
- 3. It-tagħmir u l-faċilitajiet tat-trażżin**
 - 3.1 It-tagħmir u l-faċilitajiet tat-trażżin għandhom jitfasslu u jinbnew sabiex:
 - (a) itejbu l-applikazzjoni tal-metodu tal-isturdament jew tal-qtil;
 - (b) jimpedixxu l-feriti jew id-daqqiet fuq l-annimali;
 - (c) inaqqsu kemm jista' jkun ir-reżistenza u l-vokalizzazzjoni meta l-annimali jittrażżnu.

3.2 Il-kaxex tat-trażżin użati flimkien mal-captive bolt għandhom ikunu mgħammra b'apparat li jillimita kemm il-moviment laterali kif ukoll dak vertikali tar-ras tal-annimal.

3.3 Ma għandhomx jintużaw sistemi li jrażżnu lill-annimali bovini permezz tal-inversjoni jew kwalunkwe pożizzjoni mhux naturali.

4. Apparat għall-isturdament bl-elettriku

4.1 Apparat elettriku għall-isturdament għandu jkun mgħammar b'apparat li jirreġistra d-dettalji tal-parametri elettriċi ewlenin għal kull annimal stordut jew maqtul.

4.2 It-tagħmir elettriku għandu jgħoddi kurrent kostanti.

5. Tagħmir għall-isturdament f'banju tal-ilma li jgħaddi l-elettriku minnu

5.1 Il-wajers għat-trażżin għandhom jitfasslu u jitpoġġew b'mod tali li l-għasafar sospiżi fuqhom huma ħielsa minn kwalunkwe ostakli u li d-dieqa lill-annimali titnaqqas għal minimu.

5.2 It-tul kollu tal-wajer tat-trażżin sal-punt tad-dħul fit-tank tal-ilma li jismot għandu jkun faċilment aċċessibbli fil-każ li l-annimali jkollhom jitneħħew mil-linja għat-tbiċċir.

5.3 Id-daqs u l-forma tat-trażżin tal-metall għandhom ikunu adattati għad-daqs tas-saqajn tat-tjur li sejr inqatlu sabiex il-kuntatt elettriku jkun jista' jsir mingħajr ma jikkawża uġiġħ.

5.4 It-tagħmir għall-isturdament fil-banji u l-ilma għandu jkun mgħammar b'rampa għad-dħul iżolata mill-elettriku u mfaċċjata u miżmuma sabiex ma jkunx hemm fluss żejjed ta' ilma fid-daħla.

5.5 L-elettrodi tat-tagħmir għall-isturdament fil-banji tal-ilma għandhom jiġu estiżi għat-tul kollu tal-banju tal-ilma. Il-banju tal-ilma għandu jitfassal u jinżamm b'tali mod li meta t-trażżin jgħaddi minn fuq l-ilma, dan ikun f'kuntatt dirett mal-virga ertjata.

5.6 Għandha tinbena sistema b'kuntatt mas-sider tal-għasafar biex tikkalmahom mill-punt tat-trażżin sakemm l-għasafar jidħlu fil-banju tal-ilma għall-isturdament.

5.7 Il-banji tal-ilma għandhom jiġu forniti b'kurrent kostanti.

5.8 Għandu jkun disponibbli aċċess għat-tagħmir tal-isturdament fil-banji tal-ilma għat-tjur li jkunu ġew storduti u li jibdeu jiżvinaw fil-banju tal-ilma minħabba xi ħsara jew minħabba dewmien fil-linja.

6. It-tagħmir tal-isturdament bil-gass għall-ħnieżer

6.1 Il-kmamar tal-gass u t-tagħmir użat sabiex l-annimali jgħaddu minnhom għandhom ikunu mfaċċjati u mibnija sabiex:

(a) itejbu kemm jista' jkun l-applikazzjoni tal-isturdament bil-gass;

- (b) jimpedixxu l-feriti jew id-daqqiet fuq l-animali;
 - (c) inaqqsu kemm jista' jkun it-taqbid u l-vokalizzazzjoni meta l-animali jitrażżnu.
- 6.2 Il-kompartiment tal-gass għandu jkun mgħammar b'tali mod li jkejje, juri u jirreġistra l-konċentrazzjoni tal-gass u l-ħin tal-esponiment u li jagħti twissija viżibbli u ċara u li tinstema' jekk il-konċentrazzjoni tal-gass taqa' taħt il-livell meħtieġ.
- 6.3 Il-kompartiment tal-gass u l-mekkaniżmu ta' forniment għandu jiffassal u jinbena sabiex jippermetti l-ispezzjoni viżiva fl-istadji kollha tal-isturdament.
- 6.4 Il-kompartiment tal-gass għandu jiffassal b'tali mod li, anke fl-ammont massimu permess, l-animali jkun jistgħu jinteddu mingħajr ma jkun wieħed fuq l-ieħor.
- 7. It-tagħmir għall-isturdament bil-gass għat-tjur**
- 7.1 Il-punti 6.1 u 6.2 għandhom japplikaw għat-tagħmir għall-isturdament bil-gass għat-tjur.
- 7.2 Il-faċilitajiet għat-tjur għandhom jiffasslu u jinbnew sabiex l-animali jintbagħtu biss fit-taħlitiet tal-gass f'kaxex għat-trasport mingħajr ma jinħattu.

ANNEX III

REGOLI OPERATTIVI GĦALL-BIĊĊERJI

(kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 12)

1. Il-wasla, iċ-ċaqliq u l-immaniġġjar tal-annimali

1.1 Il-kundizzjonijiet ta' benesseri ta' kull kunsinna ta' annimali għandhom jiġu stmati sistematikament mill-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali jew minn persuna li tirrapporta direttament lill-uffiċjal għall-benesseri tal-annimali sabiex dawn jidentifikaw il-prijoritajiet, b'mod partikolari billi jistabbilixxu liema annimali għandhom bżonnijiet speċifiċi għall-ħarsien u liema huma daww il-miżuri korrispondenti li qegħdin jittieħdu.

1.2 L-annimali għandhom jinħattu malajr kemm jista' jkun wara li jaslu u wara jitbiċċeru mingħajr dewmien bla bżonn.

Fil-każ tat-tjur jew tal-lagomorfi, il-ħin totali tal-ġarr miżjud mal-ħin li jgħaddi bejn il-ħatt u l-qatla ma għandux jaqbeż it-12-il siegħa.

Fil-każ tal-mammiferi, ħliet il-lagomorfi, il-ħin totali tal-ġarr miżjud mal-ħin bejn il-ħatt u t-tbiċċir ma għandux jaqbeż:

- (a) id-19-il siegħa għall-annimali li mhumiex miftumin;
- (b) 1-24 siegħa għall-ekwidi u għall-ħnieżer;
- (c) 29 siegħa għall-annimali li jixtaru.

Wara l-iskadenza ta' dawn il-limiti ta' żmien, l-annimali għandhom jinżammu f'postijiet temporanji għaż-żamma, għandhom jiġu mitmugħin u wara mogħtija ammonti moderati ta' ikel f'intervalli adattati. F'dawn il-każijiet, l-annimali għandhom jiġu pprovduti b'ammont addattat ta' materjal biex l-animall jistrieħ fuqu jew b'materjal ekwivalenti li jggarantixxi livell ta' kumdità xieraq skont l-ispeċi u n-numru ta' annimali konċernati. Dan il-materjal għandu jassigura l-assorbiment adegwat tal-awrina u tal-ħmieġ tal-imsaren.

1.3 Ir-riċipjenti li l-annimali jinġarru fihom għandhom jiġu mmaniġġjati b'attenzjoni, u b'mod partikolari ma għandhomx jinfetħu jew jitwaqqgħu.

1.4 Meta r-riċipjenti jitqiegħdu wieħed fuq l-ieħor għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex:

- (a) l-ammont ta' awrina u ħmieġ tal-imsaren li jaqa' fuq l-annimali li jkunu qegħdin taħt ikun kemm jista' jkun limitat;
- (b) tiġi assigurata l-istabbiltà tal-kontenituri;
- (c) jiġi assigurat li l-ventilazzjoni ma tkunx ostakolata.

- 1.5 Għall-għanijiet tat-tbiċċir, l-annimali mhux miftumin, l-annimali li jkunu qegħdin ireddgħu, annimali nisa li jkunu welldu waqt il-vjaġġ, jew annimali li jkunu ġew ikkunsinjati fir-reċipjenti għandhom jingħataw prijorità fuq tipi ta' annimali oħrajn. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandhom isiru arranġamenti sabiex titneħħielhom is-sofferenza, b'mod partikolari billi:
- (a) l-annimali jinhelbu f'intervalli ta' mhux aktar minn 12-il siegħa;
 - (b) jiġu pprovduti kundizzjonijiet adattati għat-treddiġ u għall-benesseri tal-annimali li jkunu għadhom kemm jitwielldu fil-każ ta' annimali nisa li jkunu għadhom kif welldu;
 - (c) annimali kkunsinjati fir-reċipjenti jkollhom ilma pprovdut.
- 1.6 Il-mammiferi, għajr il-lagomorfi, li ma jittiħdux direttament fil-post tat-tbiċċir wara li jinħattu, għandu jkollhom ilma biex jixorbu disponibbli minn faċilitajiet xierqa fil-ħinijiet kollha.
- 1.7 Għandu jkun ipprojbit li:
- (a) wieħed jagħti daqqiet, inklużi daqqiet ta' sieq lill-annimali;
 - (b) tiġi applikata pressjoni fuq xi parti sensittiva tal-ġisem apposta biex l-annimal isofri minn uġiġ jew sofferenza li tista' tiġi evitata;
 - (c) l-annimali jintrefgħu jew jinġibdu mir-ras, widnejn, qrun, saqajn, denb jew mis-suf b'mod li l-annimali jsofru minn uġiġ jew sofferenza li tista' tiġi evitata;
 - (d) jintużaw in-niggieżi jew strumenti oħra bil-ponta.
- 1.8 L-użu ta' strumenti li jagħtu xokkijiet tal-elettriku għandu jiġi evitat kemm jista' jkun. Fi kwalunkwe każ, dawn l-istrumenti jistgħu jintużaw biss għall-annimali bovini adulti u ħnieżer adulti li ma jridux jiċċaqilqu, u biss meta għandhom post quddiemhom fejn jiċċaqilqu. Ix-xokkijiet ma għandhomx idumu aktar minn sekonda waħda, għandu jkun hemm spazju adegwat ta' ħin bejn waħda u oħra u għandhom jiġu applikati biss fuq il-muskoli tar-robbijiet ta' wara. Ix-xokkijiet ma għandhomx jintużaw ripetutament jekk l-annimal jonqos milli jirrispondi.
- 1.9 L-annimali ma għandhomx jintrabtu mill-qrun, mill-qrejjen imsaggrin, miċ-ċrieket f'imneħirhom jew billi saqajhom jintrabtu flimkien. Meta l-annimali jkollhom jintrabtu, il-ħbula, l-irbit jew mezz oħra użati għandhom ikunu:
- (a) b'saħħithom biżżejjed biex ma jinqatgħux;
 - (b) tali li jippermettu lill-annimali, jekk ikun hemm bżonn, jimteddu, jieklu u jixorbu;
 - (c) imfasslin b'tali mod li jelimina kwalunkwe periklu ta' fgar jew korriment u b'tali mod li l-annimali jkunu jistgħu jinħelsu malajr.

2. Regoli addizzjonali għall-mammiferi fil-post fejn għandhom jinżammu temporanjament (ħlief għal-lagomorfi)

- 2.1 Kull animal għandu jkollu biżżejjed spazju biex joqgħod bilwieqfa, jimtedd u jdur.
- 2.2 L-animali għandhom jinżammu marbutin sewwa fil-post fejn għandhom jinżammu temporanjament u għandha tingħata attenzjoni sabiex dawn ma jaħarbux u ma jintlaħqux mill-predaturi.
- 2.3 Kull ġurnata li fiha taħdem il-biċċerija, qabel ma jasal kwalunkwe animal, l-imqajjel ta' iżolament għall-animali li jeħtieġu kura speċifika għandhom jitħejjew u jinżammu lesti għall-użu immedjat.
- 2.4 Il-kundizzjoni u l-istat tas-saħħa tal-animali fil-post fejn għandhom jinżammu temporanjament għandhom ikunu spezzjonati regolarment mill-uffiċjal għall-benesseri tal-animal jew minn persuna li għandha kompetenza xierqa.

3. L-iżvinar tal-animali

- 3.1 Meta persuna waħda tkun responsabbli għall-isturdament, it-trażżin, l-irfiġh u l-iżvinar tal-animali, dik il-persuna trid twettaq dawk l-operazzjonijiet kollha konsekuttivament fuq animal wieħed qabel ma twettaqhom fuq animal ieħor.
- 3.2 Meta l-metodu tal-isturdament ma joqtolx lill-animal, iż-żewġ arterji jew vażi tal-karotide għandhom jinqatgħu sistematikament.
- 3.3 L-għasafar ma għandhomx jitbiċċru permezz ta' magni awtomatiċi li jaqtgħu l-għonq sakemm ma jiġix żgurat li l-magni li jaqtgħu l-għonq ikunu qatgħu b'mod effettiv il-vażi tad-dem. Meta l-magni li jaqtgħu l-għonq ma jkunux effettivi, l-għasfur għandu jinqatel minnufih.

ANNEX IV

**KORRISPONDENZA BEJN L-ATTIVITAJIET U R-REKWIŻITI GĦALL-EŻAMI
TAL-KOMPETENZA**

(kif hemm referenza fl-Artikolu 18)

Operazzjonijiet ta' tbiċċir elenkati fl-Artikolu 7(2)	Suġġetti għall-eżami tal-kompetenza
L-operazzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 7 (2) (a) sa (f).	L-imġiba tal-annimali, is-sofferenza tal-annimali, jekk l-annimal ikunx f'sensih u s-sensibilità tiegħu, l-istress fl-annimali.
(a) it-trattament u l-kura tal-annimali qabel jitrażżnu	Aspetti prattiċi għall-immaniġġjar u t-trażżin tal-annimali.
(b) it-trażżin tal-annimali għall-għanijiet tal-isturdament jew il-qtil	
(c) l-isturdament tal-annimali	Aspetti prattiċi tat-tekniki tal-isturdament. Metodi ta' riżerva tal-isturdament u/jew ta' qtil. Iż-żamma tat-tagħmir tal-isturdament u/jew tal-qtil.
(d) il-valutazzjoni tal-isturdament effettiv;	Il-monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament. Metodi ta' riżerva tal-isturdament u/jew ta' qtil.
(e) it-trażżin jew l-irfiġh ta' annimali ħajjin;	Aspetti prattiċi ta' mmaniġġjar u jew ta' trażżin.
(f) l-iżvinar tal-annimali ħajjin;	Monitoraġġ tal-effikaċja tal-isturdament. Metodi ta' riżerva ta' sturdament u/jew metodi ta' qtil.